IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.3.2014
COM(2014) 180 final

ANNEXES 1 to 5

ANNESSI

tal-

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar tal-prodotti organiċi, li jemenda r-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali] u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007

{SWD(2014) 65 final}
{SWD(2014) 66 final}

ANNESS I

PRODOTTI OĦRAJN IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(1)

– ħmira użata bħala ikel jew għalf,

– birra,

– matè,

– estratti, essenzi u konċentrati tal-kafè, tat-te jew tal-matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, te u matè; ċikwejra inkaljata u sostituti oħra tal-kafè inkaljati, u estratti, essenzi u konċentrati minnhom,

– nektars tal-frott,

– pejst, butir, xaħam, żejt u trab tal-kawkaw; ċikkulata, u preparazzjonijiet oħra tal-ikel li fihom il-kawkaw,

– ħelu magħmul biz-zokkor,

– preparazzjonijiet ta' ċereali, dqiq, lamtu jew ħalib; prodotti tal-koki tal-għaġina,

– sopop,

– zlazi,

– ikliet imsajrin lesti,

– ġelat,

– jogurt b'togħmiet miżjudin, jogurt bil-frott, il-ġewż jew il-kawkaw miżjuda miegħu,

– melħ tal-baħar,

– gomma u reżina naturali,

– trab tad-dakra,

– xama' tan-naħal,

– żjut essenzjali,

– xarbiet alkoħoliċi, sakemm l-alkoħol etiliku li jkun intuża fil-produzzjoni tagħhom ikun esklużivament ta' oriġini agrikola.

ANNESS II

IR-REGOLI SPEĊIFIĊI TAL-PRODUZZJONI MSEMMIJIN FIL-KAPITOLU III

Parti I: Regoli għall-produzzjoni tal-pjanti

Minbarra r-regoli tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7 sa 10, ir-regoli stabbiliti f'din il-Parti għandhom japplikaw għall-produzzjoni organika tal-pjanti.

1. Rekwiżiti ġenerali

1.1. Il-produzzjoni idroponika, li hija metodu ta' tkabbir tal-pjanti bl-għeruq tagħhom f'soluzzjoni ta' nutrijenti waħedha, jew f'midjum inert li tinżied miegħu soluzzjoni ta' nutrijenti, hija pprojbita.

1.2. It-teknika kollha tal-produzzjoni tal-pjanti użata għandha tevita jew timminimizza kull kontribuzzjoni għal kontaminazzjoni tal-ambjent.

1.3. Konverżjoni

1.3.1. Biex il-pjanti u l-prodotti mill-pjanti jkunu kkunsidrati organiċi, ir-regoli tal-produzzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament iridu jkunu ntużaw fuq biċċiet agrikoli matul perjodu ta' konverżjoni ta' mill-inqas sentejn qabel iż-żrigħ, jew, fil-każ ta' art miżrugħa bil-ħaxix jew għalf perenni, mill-inqas sentejn qabel dan jintuża bħala għalf minn produzzjoni organika, jew, fil-każ ta' għelejjel perenni li mhumiex għalf, mill-inqas tliet snin qabel l-ewwel ħsad ta' prodotti organiċi.

1.3.2. L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi, f'xi każijiet, meta l-art tkun ġiet ikkontaminata bi prodotti mhux awtorizzati għal produzzjoni organika, li testendi l-perjodu ta' konverżjoni lil hinn mill-perjodu msemmi fil-punt 1.3.1.

1.3.3. Fil-każ ta' trattament bi prodott li ma jkunx awtorizzat għall-produzzjoni organika, l-awtorità kompetenti tkun teħtieġ perjodu ta' konverżjoni ġdid, b'konformità mal-punt 1.3.1.

Dan il-perjodu jista' jitqassar fiż-żewġ każijiet li ġejjin:

(a) it-trattament bi prodott li ma jkunx awtorizzat għall-produzzjoni organika bħala parti minn miżura obbligatorja ta' kontroll ta' pesti jew ħaxix ħażin, fosthom organiżmi li jeħtieġu kwarantina jew speċijiet invażivi, imposta mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru;

(b) trattament bi prodott mhux awtorizzat għal produzzjoni organika bħala parti minn testijiet xjentifiċi approvati mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

1.3.4. Fil-każijiet imsemmijin fil-punti 1.3.2. u 1.3.3., it-tul tal-perjodu ta' konverżjoni għandu jkun iffissat filwaqt li jitqiesu l-fatturi li ġejjin:

(a) il-proċess ta' degradazzjoni tal-prodott ikkonċernat għandu jiggarantixxi, fl-aħħar tal-perjodu ta' konverżjoni, livell insinifikanti ta' residwi fil-ħamrija u, fil-każ ta' għelejjel perenni, fil-pjanta;

(b) l-għelejjel li jinħsadu wara t-trattament ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi.

1.3.5. Ir-regoli speċifiċi tal-konverżjoni ta' art assoċjata mat-trobbija ta' bhejjem organiċi għandhom ikunu kif jidher hawn taħt:

1.3.5.1. Ir-regoli tal-konverżjoni għandhom japplikaw għaż-żona kollha tal-unità ta' produzzjoni li fiha jiġi prodott l-għalf tal-annimali.

1.3.5.2. Minkejja l-punt 1.3.5.1., il-perjodu tal-konverżjoni jista' jitnaqqas għal sena fil-mergħat u fl-ispazji fil-miftuħ użati minn speċijiet mhux erbivori.

1.4. L-oriġini tal-pjanti, inkluż il-materjal riproduttiv tal-pjanti

1.4.1. Għall-produzzjoni ta' pjanti u prodotti tal-pjanti, għandu jintuża biss materjal riproduttiv tal-pjanti li jkun prodott b'mod organiku. Għaldaqstant, il-pjanta li tkun maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal riproduttiv tal-pjanti, u fejn hu rilevanti, il-pjanta omm tkun ġiet prodotta b'konformità ma' dan ir-Regolament għal mill-inqas ġenerazzjoni waħda, jew, fil-każ tal-għelejjel perenni, għal mill-inqas ġenerazzjoni waħda tul żewġ staġunijiet ta' trobbija.

1.4.2. L-użu ta' materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jkunx riżultat ta' produzzjoni organika.

Il-materjal riproduttiv tal-pjanti li ma jkunx riżultat ta' produzzjoni organika jista' jintuża biss meta jkun ġej minn unità tal-produzzjoni fi stat ta' konverżjoni għall-produzzjoni organika, jew, fejn ikun ġustifikat għall-użu fir-riċerka, għall-ittestjar waqt provi fuq il-post fuq skala żgħira, jew bil-għan li jiġu kkonservati riżorsi ġenetiċi bil-qbil tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

1.5. Il-ġestjoni tal-ħamrija u l-fertilizzazzjoni

1.5.1. Il-produzzjoni ta' pjanti organiċi għandha tuża prattiki ta' tħaddim tar-raba' u ta' kultivazzjoni li jżommu jew iżidu l-massa organika fil-ħamrija, itejbu l-istabbiltà u l-bijodiversità tal-ħamrija, u jevitaw it-trassis u l-erożjoni tal-ħamrija.

1.5.2. L-attività ta' fertilità u bijoloġika tal-ħamrija għandha tinżamm u tinżied permezz ta' rotazzjoni pluriennali tal-għelejjel li tinkludi legumi u għelejjel ħodor oħrajn użati biex idemmlu, u bl-applikazzjoni tad-demel tal-bhejjem jew materjal organiku, preferibbilment ikkompostjati, minn produzzjoni organika.

1.5.3. Fejn ma jistgħux jintlaħqu l-bżonnijiet nutrittivi tal-pjanti bil-miżuri previsti fil-punti 1.5.1. u 1.5.2., jistgħu jintużaw biss fertilizzanti u tejjieba tal-ħamrija awtorizzati biex jintużaw fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19, u dan biss safejn ikun jeħtieġ.

1.5.4. L-ammont totali ta’ demel tal-bhejjem, kif iddefinit fid-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[1], applikat fl-azjenda agrikola, ma għandux jaqbeż il-170 kg ta’ nitroġenu għal kull ettaru taż-żona agrikola użata, fis-sena. Dan il-limitu għandu japplika biss għall-użu ta' demel tal-irziezet, demel tal-irziezet imnixxef u demel tat-tjur diżidrat, ħmieġ ikkompostjat tal-annimali, inkluż id-demel tat-tjur, id-demel tal-irziezet ikkompostjat u l-eskrementi likwidi tal-annimali.

1.5.5. L-azjendi agrikoli tal-produzzjoni organika jistgħu jistabbilixxu ftehimiet ta' kooperazzjoni bil-miktub esklużivament ma' azjendi u impriżi agrikoli oħrajn li jikkonformaw mar-regoli tal-produzzjoni organika, bl-intenzjoni li jixxerred id-demel żejjed mill-produzzjoni organika. Il-limitu massimu kif imsemmi fil-punt 1.5.4., għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-unitajiet kollha tal-produzzjoni organika involuti f'din il-kooperazzjoni.

1.5.6. Jistgħu jintużaw preparati xierqa ta' mikroorganiżmi biex itejbu l-kundizzjoni ġenerali tal-art jew iżidu n-nutrijenti fl-art jew fl-għelejjel.

1 Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

1.5.7. Għall-attivazzjoni tal-kompost jistgħu jintużaw preparati addattati bbażati fuq il-pjanti, jew preparati ta' mikroorganiżmi.

1.5.8. Ma għandhomx jintużaw fertilizzanti nitroġeni minerali.

1.6. Il-ġestjoni ta' pesti u ħaxix ħażin

1.6.1. Il-prevenzjoni tal-ħsara li jikkawżaw il-pesti u l-ħaxix ħażin se tkun ibbażata primarjament fuq il-protezzjoni permezz ta':

– għedewwa naturali,

– l-għażla ta' speċijiet, varjetajiet u materjal eteroġenu,

– ir-rotazzjoni tal-uċuħ tar-raba’,

– teknika ta' kultivazzjoni bħall-fumigazzjoni bijoloġika, u

– proċessi termali bħas-solarizzazzjoni u t-trattament tal-wiċċ tal-ħamrija bil-fwar (sa fond massimu ta' 10 cm).

1.6.2. Fejn il-pjanti ma jkunux jistgħu jiġu protetti b'mod adegwat mill-pesti bil-miżuri previsti fil-punt 1.6.1., jew f'każ ta' periklu stabbilit għall-għelejjel, jistgħu jintużaw biss prodotti awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19, u dawn biss kemm ikun hemm bżonn.

1.6.3. In-nases u d-distributuri awtomatiċi ta' prodotti mhux feromoni, għandhom iżommu s-sustanzi milli jiġu rilaxxati fl-ambjent u jipprevjenu l-kuntatt bejn is-sustanzi u l-għelejjel li jkunu qegħdin jiġu kkoltivati. In-nases għandhom jinġabru wara li jintużaw u jintremew b'mod sigur.

1.7. Il-prodotti għat-tindif u għad-diżinfezzjoni

Rigward it-tindif u d-diżinfezzjoni, għandhom jintużaw biss il-prodotti awtorizzati għat-tindif u d-diżinfezzjoni fil-produzzjoni organika, skont l-Artikolu 19.

2. Rekwiżiti għal pjanti jew prodotti tal-pjanti speċifiċi

2.1. Ir-regoli dwar il-produzzjoni tal-faqqiegħ

Għall-produzzjoni tal-faqqiegħ, jistgħu jintużaw is-substrati, jekk dawn ikunu komposti biss mill-komponenti li ġejjin:

(a) demel tal-irziezet u ħmieġ tal-annimali:

(i) jew mill-azjendi agrikoli li l-produzzjoni tagħhom hija skont ir-regoli tal-produzzjoni organika; jew

(ii) imsemmijin fil-punt 1.5.3., biss meta ma jkunx disponibbli l-prodott imsemmi fil-punt (i), sakemm il-kwantità tad-demel tal-irziezet u tal-ħmieġ tal-annimali ma taqbiżx il-25% tal-piż tat-total tal-komponenti tas-substrat, barra l-materjal ta' kopertura u xi ilma li jinżied qabel l-ikkompostjar;

(b) prodotti ta' oriġini agrikola, ta' xort'oħra minn dawk imsemmija fil-punt (a), minn azjendi agrikoli li l-produzzjoni tagħhom hija skont ir-regoli tal-produzzjoni organika;

(c) pît mhux ittrattat bil-kimika;

(d) injam, mhux ittrattat bi prodotti kimiċi wara t-tqaċċit;

(e) prodotti minerali msemmija fil-punt 1.5.3., ilma u ħamrija.

2.2. Ir-regoli dwar il-ġbir ta' pjanti slavaġ

Il-ġbir ta' pjanti slavaġ u tal-partijiet tagħhom, li jikbru b'mod naturali f'żoni naturali, foresti u żoni agrikoli huwa meqjus bħala metodu ta' produzzjoni organika dment li:

(a) għal perjodu ta' mill-anqas tliet snin qabel il-ġbir, dawk iż-żoni ma ġewx ittrattati bi prodotti għajr dawk awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19;

(b) il-ġbir ma jaffettwax l-istabbiltà tal-abitat naturali jew il-manteniment tal-ispeċijiet fiż-żona tal-ġabra.

Parti II: Regoli tat-trobbija tal-bhejjem

Minbarra r-regoli tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, 9 u 11, ir-regoli stabbiliti f'din il-Parti għandhom japplikaw għat-trobbija tal-bhejjem.

1. Rekwiżiti ġenerali

1.1. Fejn il-bidwi li jrabbi l-bhejjem ma għandux art agrikola x'jieħu ħsieb, u ma għandux ftehim ta' kooperazzjoni bil-miktub ma' bidwi ieħor, it-trobbija ta' bhejjem mingħajr art għandha tkun ipprojbita.

1.2. Konverżjoni

1.2.1. Il-perjodu ta' konverżjoni għandu jibda mill-aktar fis meta l-bidwi jkun innotifika l-attività tiegħu lill-awtoritajiet kompetenti u ssoġġetta l-azjenda tiegħu għas-sistema ta' kontroll skont dan ir-Regolament.

1.2.2. Il-perjodi ta' konverżjoni speċifiċi għat-tip ta' trobbija tal-annimali qegħdin stabbiliti fil-punt 2.

1.2.3. L-annimali u l-prodotti tal-annimali li jiġu prodotti waqt il-perjodu ta' konverżjoni ma għandhomx ikunu kkummerċjalizzati bħala organiċi.

1.2.4. L-annimali u l-prodotti tal-annimali jistgħu jitqiesu li huma organiċi fit-tmiem tal-perjodu ta' konverżjoni jekk ikun hemm konverżjoni simultanja tal-unità tal-produzzjoni kollha, u dan jinkludi l-bhejjem, il-mergħat, u kull art li tintuża għat-tagħlif tal-annimali.

1.3. L-oriġini tal-annimali

1.3.1. Il-bhejjem organiċi għandhom jitwieldu u jitrabbew f'azjendi agrikoli organiċi.

1.3.2. L-annimali eżistenti fl-azjenda agrikola fil-bidu tal-perjodu ta' konverżjoni u l-prodotti tagħhom jistgħu jitqiesu li jkunu organiċi wara li jkun hemm konformità mal-perjodu ta' konverżjoni msemmi fil-punt 2.

1.3.3. Rigward it-trobbija tal-annimali organiċi:

(a) ir-riproduzzjoni għandha ssir b'metodi naturali; iżda l-inseminazzjoni artifiċjali għandha tkun permessa;

(b) ir-riproduzzjoni ma għandhiex tiġi mħaffa bi trattament b'ormoni jew sustanzi simili, jekk mhux bħala forma ta' trattament veterinarju terapewtiku fil-każ ta' annimal individwali;

(c) ma għandhomx jintużaw forom oħra ta' riproduzzjoni artifiċjali, bħall-ikklonjar u t-trasferimenti tal-embrijuni;

(d) l-għażla tar-razez għandha tkun xierqa u tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' kull tbatija u biex tkun evitata l-ħtieġa ta' mutilazzjoni tal-annimali.

1.3.4. Fl-għażla tal-insla jew tar-razez, għandha titqies il-kapaċità tal-annimali li jadattaw għall-kundizzjonijiet lokali, mingħajr ħsara għall-benessri tagħhom, għall-vitalità tagħhom u għar-reżistenza tagħhom għall-mard. Barra minn hekk, għandhom jintgħażlu insla jew razez ta' annimali biex jiġi evitat mard speċifiku jew problemi tas-saħħa assoċjati ma' xi insla jew razez li jintużaw fil-produzzjoni intensiva, bħas-sindrome tal-istress tal-qżieqeż, is-Sindrome PSE (laħam pallidu, artab, inixxi), mewt f'daqqa, abort spontanju u twelid diffiċli li jkun jeħtieġ operazzjoni ċeżarja. Għandha tingħata preferenza lil insla u razez indiġeni.

1.3.5. Jistgħu jiddaħħlu annimali li ma jkunux imrobbija b'mod organiku f'azjenda agrikola, meta jkun hemm il-periklu li r-razez jintilfu għall-biedja kif stabbilit fl-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006[2], u f'dak il-każ l-annimali ta' dawk ir-razez ma hemmx għalfejn bilfors ma jkunu qatt welldu qabel.

1.4. Nutrizzjoni

1.4.1. Rekwiżiti ġenerali tan-nutrizzjoni

Rigward in-nutrizzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-għalf tal-bejjem għandu jinkiseb primarjarment mill-azjenda agrikola fejn jinżammu l-annimali jew minn azjendi organiċi oħrajn fl-istess reġjun;

(b) il-bhejjem għandhom jintgħalfu b'għalf organiku li jissodisfa l-ħtiġiet nutrittivi tal-annimali fl-istadji varji tal-iżvilupp. It-tagħlif ristrett mhuwiex permess fil-produzzjoni tal-bhejjem;

(c) huwa pprojbit li l-bhejjem jinżammu f'kundizzjonijiet jew fuq dieta, li jistgħu jinkoraġġixxu l-anemija;

(d) il-prattiki tat-tismin għandhom ikunu reversibbli f'kull stadju tal-proċess tat-trobbija. It-tagħlif sfurzat huwa pprojbit;

(e) bl-eċċezzjoni tan-naħal, il-bhejjem għandu jkollhom aċċess permanenti għall-ħaxix jew għall-għalf oħxon;

(f) ma għandhomx jintużaw promuturi tat-tkabbir u aċidi amminiċi sintetiċi;

(g) l-annimali mhux miftumin għandhom preferibbilment jingħataw il-ħalib tal-omm għal perjodu minimu;

(h) il-materjali tal-għalf ta' oriġinu minerali, l-additivi tal-għalf; ċerti prodotti li jintużaw fin-nutrizzjoni tal-annimali u għajnuniet għall-ipproċessar għandhom jintużaw biss jekk ikunu ġew awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19.

1.4.2. Il-mergħa fuq art komuni u t-transumanza

1.4.2.1. L-annimali organiċi jistgħu jimirħu fuq art komuni, sakemm:

(a) l-art komuni tkun ġestita kompletament bi qbil ma' dan ir-Regolament;

[2] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1974/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 368, 23.12.2006, p. 15).

(b) kull annimal mhux organiku li juża din l-art ikun ġej minn sistema ta' produzzjoni li tkun ekwivalenti għal waħda minn dawk stipulati fl-Artikoli 28 u 30 tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013[3];

(c) kull prodott tal-bhejjem minn annimali organiċi, waqt li jkunu qed jużaw din l-art, ma jitqiesx bħala prodott minn produzzjoni organika, sakemm ma tkunx tista' tiġi ppruvata segregazzjoni adegwata minn annimali mhux organiċi.

1.4.2.2. Matul il-perjodu ta' transumanza, l-annimali jistgħu jimirħu fuq art mhux organika meta jkunu qed jitmexxew, bil-pass, minn mergħa għal oħra. Huwa permess li l-annimali jieklu għalf mhux organiku fl-għamla ta' ħxejjex tal-mergħa, għal massimu ta' 35 jum li jkopru kemm il-vjaġġ 'il barra kif ukoll il-vjaġġ tar-ritorn.

1.4.3. It-tagħlif waqt il-konverżjoni

1.4.3.1. Fl-azjendi fi stat ta' konverżjoni, sa 15 % tal-ammont medju totali ta’ prodotti tal-għalf mogħtija lill-bhejjem jista’ jkun ġej mill-imrieħ jew mill-ħsad ta’ mergħat permanenti, minn biċċiet agrikoli perenni tal-għalf jew mill-għelejjel tal-proteini, miżrugħin skont ġestjoni organika f’artijiet li jkunu fl-ewwel sena tal-konverżjoni tagħhom, dejjem jekk dawn ikunu parti mill-istess azjenda. L-għalf prodott fl-ewwel sena tal-konverżjoni ma jistax jintuża għall-produzzjoni ta' għalf ipproċessat organiku. F’każ li jkunu qed jintużaw kemm prodotti tal-għalf fil-fażi tal-konverżjoni kif ukoll prodotti tal-għalf minn biċċiet agrikoli li jkunu fl-ewwel sena tal-bidla tagħhom, il-perċentwal tal-ammont totali ta' dan l-għalf ma għandux jaqbeż il-perċentwali massimi stabbiliti fil-punt 1.4.3.2.

1.4.3.2. Fl-azjendi agrikoli organiċi, sa 20% tar-razzjon tal-formola tal-għalf bħala medja jista' jkun magħmul minn għalf prodott waqt il-konverżjoni, jiġifieri għalf prodott waqt it-tieni sena tal-konverżjoni. Għall-azjendi agrikoli fil-konverżjoni, jekk l-għalf li jkun prodott waqt il-konverżjoni jkun mill-istess azjenda, dan il-perċentwal jista' jiżdied sa 100%.

1.4.3.3. Iċ-ċifri fil-punti 1.4.3.1. u 1.4.3.2. għandhom jiġu kkalkulati kull sena bħala perċentwali tal-materja niexfa ta' prodotti tal-għalf ta' oriġini mill-pjanti.

1.4.4. L-użu ta’ ċerti materji u sustanzi fl-għalf

Fl-ipproċessar tal-għalf organiku u fit-tagħlif ta' annimali organiċi jistgħu jintużaw biss materjali organiċi ta' oriġini mill-annimali, kif ukoll materjali u addittivi tal-għalf awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19.

1.5. Il-kura tas-saħħa

1.5.1. Il-prevenzjoni tal-mard

1.5.1.1. Il-prevenzjoni tal-mard għandha tkun ibbażata fuq l-għażla tal-insla u tar-razez, fuq il-prattiki ta' ġestjoni tat-trobbija, fuq l-għalf ta' kwalità tajba u fuq l-eżerċizzju, id-densitajiet ta' stokkijiet xierqa u l-akkomodazzjoni adegwata u xierqa miżmuma f'kundizzjonijiet iġjeniċi.

1.5.1.2. Għandu jkun permess l-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji immunoloġiċi.

[3] Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

1.5.1.3. L-użu ta' prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament jew ta' antibijotiċi għal trattament ta' prevenzjoni huwa pprojbit.

1.5.1.4. L-użu ta' sustanzi li jippromwovu t-tkabbir jew il-produzzjoni (inklużi l-antibijotiċi, il-koċċidijostatiċi, u għajnuniet artifiċjali oħra għall-iskop tal-promozzjoni tat-tkabbir) u l-użu ta' ormoni jew sustanzi simili għall-kontroll tar-riproduzzjoni jew għal għanijiet oħra (eż. l-induzzjoni jew is-sinkronizzazzjoni tal-estru), huwa pprojbit.

1.5.1.5. Meta l-bhejjem jinkisbu minn unitajiet li mhumiex organiċi, jistgħu japplikaw miżuri speċjali bħal testijiet ta' skrining jew perjodi ta' kwarantina, skont iċ-ċirkostanzi lokali.

1.5.1.6. Rigward it-tindif u d-diżinfezzjoni, għandhom jintużaw biss il-prodotti awtorizzati għat-tindif u d-diżinfezzjoni fil-produzzjoni organika, skont l-Artikolu 19.

1.5.1.7. L-istrutturi tal-kenn, l-istalel, it-tagħmir u l-aċċessorji għandhom jitnaddfu u jkunu diżinfettati tajjeb biex jiġu evitati infezzjonijiet minn wieħed għall-ieħor u ż-żieda tal-organiżmi li jġorru l-mard. Il-ħmieġ tal-annimali, l-awrina u l-għalf li ma jkunx ittiekel jew li jkun waqa' għandhom jitneħħew kemm-il darba jkun hemm bżonn biex tonqos kemm jista' jkun ir-riħa u ma jiġux atratti insetti jew ġrieden. Il-veleni tal-ġrieden (li għandhom jintużaw biss fin-nases), u l-prodotti awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19, jistgħu jintużaw għall-eliminazzjoni ta' insetti u pesti oħra fi strutturi u f'installazzjonijiet oħra fejn jinżammu l-bhejjem.

1.5.2. It-trattament veterinarju

1.5.2.1. F'każ li minkejja li jitwettqu miżuri preventivi biex jiżguraw li l-annimali jibqgħu f'saħħithom, dawn jimirdu jew iweġġgħu, għandhom jingħataw kura minnufih.

1.5.2.2. Il-mard għandu jiġi ttrattat minnufih biex kemm jista' jkun l-annimal ma jsofrix; prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament, inklużi l-antibijotiċi jistgħu jintużaw fejn jeħtieġ u f'kundizzjonijiet stretti u taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju, fejn ma jkunx addattat l-użu ta' prodotti fitoterapewtiċi, omeopatiċi u oħrajn. B'mod partikolari għandhom jiġu ddefiniti r-restrizzjonijiet rigward korsijiet ta' trattament u perjodi ta' rtirar.

1.5.2.3. Materjali tal-għalf ta' oriġini minerali u addittivi nutrittivi awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19, u l-prodotti fitoterapewtiċi u omeopatiċi għandhom jintużaw bi preferenza għal trattamenti veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament, inklużi l-antibijotiċi, dejjem jekk l-effett terapewtiku tagħhom ikun effettiv għall-ispeċi ta' annimal, u għall-kundizzjoni li għaliha huwa maħsub it-trattament.

1.5.2.4. Bl-eċċezzjoni tat-tilqim, ta' trattamenti għall-parassiti u skemi obbligatorji ta' eradikazzjoni meta annimal jew grupp ta' annimali jirċievu iktar minn tliet korsijiet ta' trattamenti bi prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament, fosthom l-antibijotiċi, fi żmien 12-il xahar, jew iktar minn kors wieħed ta' trattament jekk iċ-ċiklu produttiv tal-ħajja tagħhom huwa ta' inqas minn sena, il-bhejjem ikkonċernati, jew il-prodotti dderivati minnhom, ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi, u l-bhejjem għandhom joqogħdu għall-perjodi ta' konverżjoni stabbiliti fil-punti 1.2 u 2.

1.5.2.5. Il-perjodu tal-irtirar bejn l-aħħar amministrazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju allopatiku lil annimali f'kundizzjonijiet ta' użu normali, u l-produzzjoni ta' prodotti

tal-għalf iffabbrikati b'mod organiku minn dawn l-annimali, għandu jkun darbtejn il-perjodu tal-irtirar imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE jew, f'każ fejn dan il-perjodu ma jkunx speċifikat, 48 siegħa.

1.5.2.6. Għandhom ikunu permessi t-trattamenti marbutin mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, imposti abbażi tal-leġislazzjoni tal-Unjoni.

1.6. Il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-bhejjem u l-prattiki tat-trobbija

1.6.1. L-insulazzjoni, it-tisħin u l-ventilazzjoni tal-istruttura għandhom jassiguraw li ċ-ċirkolazzjoni tal-arja, il-livell tat-trab, it-temperatura, l-umdità relattiva tal-arja u l-konċentrazzjoni gassuża, jinżammu f'limiti li ma jkunux ta' ħsara għall-benessri tal-annimali. L-istruttura għandha tkun tippermetti li jidħol ħafna dawl naturali.

1.6.2. L-istrutturi tal-kenn tal-bhejjem m'għandhomx ikunu obbligatorji f'żoni b'kundizzjonijiet klimatiċi xierqa li jippermettu li l-annimali jgħixu barra. Il-bhejjem għandu ikollhom aċċess permanenti għal żoni fil-miftuħ, preferibbilment għall-mergħa, kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art jippermetti, sakemm ma jiġux imposti, abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, restrizzjonijiet u l-obbligi marbutin mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali. L-annimali għandu jkollhom aċċess għal strutturi tal-kenn jew postijiet fid-dell li jipproteġuhom minn kundizzjonijiet tat-temp ħżiena.

1.6.3. Id-densità tal-istokkijiet fl-istruttura għandha tipprovdi għall-kumdità, il-benessri u l-ħtiġiet speċifiċi għall-ispeċi tal-annimali li, b'mod partikolari, għandhom ikunu jiddependu fuq l-ispeċi, ir-razza u l-età tal-annimali. Għandhom jitqiesu wkoll il-ħtiġiet tal-imġiba tal-annimali li jiddependu b'mod partikolari fuq id-daqs tal-grupp u fuq is-sess tal-annimali. Id-densità tal-popolazzjoni jrid ikun maħsub biex jiżgura l-benessri tal-annimali billi dawn ikollhom biżżejjed spazju biex joqogħdu bilwieqfa b'mod naturali, jimteddu faċilment, iduru, jitnaddfu, joqgħodu f'kull pożizzjoni naturali u jagħmlu l-movimenti naturali kollha, bħal jitmattru u jfarfru ġwinħajhom.

1.6.4. L-erja minima tal-wiċċ fl-akkomodazzjoni kemm ġewwa u barra, u karatteristiċi oħrajn tal-akkomodazzjoni għal speċijiet u kategoriji differenti għandhom ikunu kif stabbilit fil-punti 2.1.4., 2.2.4., 2.3.4. u 2.4.5.

1.6.5. L-ispazji fil-miftuħ jistgħu jkunu parzjalment msaqqfa. Il-verandi ma jitqisux bħala spazji fil-miftuħ.

1.6.6. Id-densità totali tal-istokkijiet ma għandhiex taqbeż il-limitu ta' 170 kg ta' nitroġenu organiku tal-ispazju agrikolu kull ettaru fis-sena.

1.6.7. Biex tiġi ddeterminata d-densità tal-bhejjem xierqa msemmija fil-punt 1.6.6., l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-unitajiet ta' bhejjem ekwivalenti għal-limitu msemmi fil-punt 1.6.6., skont iċ-ċifri stabbiliti f'kull wieħed mir-rekwiżiti speċifiċi għall-produzzjoni tal-annimali.

1.7. It-trattament xieraq tal-annimali

1.7.1. Kull persuna li żżomm l-annimali għandu jkollha l-għarfien bażiku u l-kapaċitajiet meħtieġa fir-rigward tas-saħħa u l-ħtiġijiet tat-trattament xieraq tal-annimali.

1.7.2. Il-prattiki tat-trobbija, inkluż id-densitajiet tal-istokkijiet, u l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għandhom jiżguraw li jiġu sodisfatti l-ħtiġiet ta' żvilupp, fiżjoloġiċi u etoloġiċi tal-annimali.

1.7.3. Il-bhejjem għandu jkollhom aċċess permanenti għal spazji fil-miftuħ, preferibbilment fil-mergħa, kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet tat-temp u l-istat tal-art, sakemm ma jkunx hemm imposti restrizzjonijiet u l-obbligi relatati mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bnedmin u tal-annimali, abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

1.7.4. L-għadd ta' bhejjem għandu jkun limitat biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm wisq bhejjem jirgħu, tgħaffiġ tal-ħamrija, erożjoni, jew tniġġis ikkawżat mill-annimali jew mit-tixrid tad-demel tagħhom.

1.7.5. Fejn japplikaw l-Artikolu 8(5) u l-punt 1.4.2.2. ta' din il-Parti, il-bhejjem organiċi għandhom jinżammu separati minn bhejjem oħra.

1.7.6. L-irbit jew l-iżolament tal-bhejjem għandu jkun ipprojbit, jekk mhux għal annimali individwali għal perjodu limitat ta' żmien sakemm dan ikun minħabba raġunijiet veterinarji. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li l-bhejjem fil-mikrointrapriżi jistgħu jintrabtu jekk ma jkunx possibbli li jinżammu fi gruppi addattati għall-ħtiġiet tal-imġiba tagħhom, dejjem jekk dawn ikollhom aċċess għall-mergħat matul il-perjodu tar-ragħa, u għall-inqas darbtejn fil-ġimgħa jkollhom aċċess għal spazji fil-miftuħ meta r-ragħa ma jkunx possibbli.

1.7.7. It-tul taż-żmien tat-trasportazzjoni tal-bhejjem għandu jiġi minimizzat.

1.7.8. Għandha tinżamm għall-minimu kull tbatija tul il-ħajja kollha tal-annimal, anki fil-ħin tal-qatla.

1.7.9. Il-mutilazzjoni tal-annimali hija pprojbita.

1.7.10. Kull tbatija tal-annimali għandha titnaqqas kemm jista' jkun billi jintuża l-loppju (anesteżija) u/jew l-analġeżija adegwati u billi l-operazzjoni ssir biss fl-iktar età addattata minn persunal ikkwalifikat.

1.7.11. Il-kastrazzjoni fiżika għandha tkun permessa biex tinżamm il-kwalità tal-prodotti u tal-prattiki tradizzjonali tal-produzzjoni, iżda għandha ssir biss permezz tal-anesteżija jew l-analġeżija xierqa u l-operazzjoni għandha ssir fl-iżjed età xierqa u titwettaq minn persunal ikkwalifikat.

1.7.12. It-tagħbija u l-ħatt tal-annimali għandhom isiru mingħajr l-użu ta' ebda tip ta' stimolazzjoni elettrika li tisforza lill-annimali jiċċaqilqu. L-użu ta' kalmanti allopatiċi, qabel jew matul it-trasport, huwa pprojbit.

2. Ir-rekwiżiti għal speċijiet speċifiċi ta' bhejjem

2.1. Il-produzzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini

2.1.1. Il-konverżjoni

Biex l-annimali bovini, ovini u kaprini u l-prodotti tagħhom jitqiesu bħala organiċi, ir-regolamenti tal-produzzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament iridu jkunu ġew applikati għal mill-inqas:

(a) 12-il xahar fil-każ ta' annimali bovini, għall-produzzjoni tal-laħam, u f'kull każ għal mill-inqas tliet kwarti minn ħajjithom;

(b) sitt xhur fil-każ ta' annimali ovini u kaprini u annimali għall-produzzjoni tal-ħalib.

2.1.2. In-nutrizzjoni

Rigward in-nutrizzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-annimali bovini, ovini u kaprini għandu jkollhom aċċess għall-mergħa kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet;

(b) minkejja l-punt (a), il-barrin ta' iktar minn sena għandu jkollhom aċċess għal mergħat jew għal spazju fil-miftuħ;

(c) f'każijiet fejn l-annimali bovini, ovini u kaprini jkollhom aċċess għall-mergħat matul il-perjodu tar-ragħa u meta s-sistema tal-akkomodazzjoni matul ix-xitwa tagħti libertà ta' moviment lill-annimali, l-obbligu li l-annimali jingħataw spazji fil-miftuħ matul ix-xhur tax-xitwa jista' jitneħħa;

(d) minbarra waqt il-perjodu ta' kull sena meta l-annimali jkunu fi transumanza msemmija fil-punt 1.4.2.2., mill-inqas 90 % tal-għalf għandu jiġi mill-azjenda agrikola stess jew f'każ li dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott b'kooperazzjoni ma' rziezet organiċi oħrajn fl-istess reġjun;

(e) is-sistemi tat-trobbija għall-annimali bovini, ovini u kaprini għandhom ikunu bbażati fuq l-użu massimu ta' mergħat skont id-disponibbiltà tal-mergħat f'perjodi differenti tas-sena. Mill-inqas 60% tal-materja niexfa fir-razzjonijiet ta' kuljum tal-annimali bovini, ovini u kaprini għandha tikkonsisti minn fibra, għalf frisk jew imnixxef, jew għalf mill-ħaxix. Huwa permess tnaqqis għal 50 % għal annimali fil-produzzjoni tal-ħalib għal perjodu massimu ta' tliet xhur fiż-żmien bikri tat-treddigħ;

(f) l-annimali kollha bovini, ovini u kaprini li jkunu qegħdin jerdgħu, għandhom preferibbilment jingħataw il-ħalib tal-omm għal perjodu minimu ta' tliet xhur għall-annimali bovini u 45 jum għall-annimali ovini u kaprini.

2.1.3. Kundizzjonijiet speċifiċi tal-akkomodazzjoni

Rigward l-akkomodazzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-akkomodazzjoni ta' annimali bovini, ovini u kaprini għandu jkollha art lixxa imma mhux li tiżloq. Mill-inqas nofs l-erja tal-wiċċ tal-akkomodazzjoni ta' ġewwa għall-annimali bovini, ovini u kaprini, irid ikun, kif stipulat fil-punt 2.1.4., sħiħ u mhux forma ta' pjanċi fi strixxi jew gradilja;

(b) l-akkomodazzjoni jrid ikun fiha żona tal-art sħiħa, mhux magħmula minn pjanċi fi strixxi jew gradilja, li tkun komda, nadifa u niexfa, u kbira biżżejjed biex l-annimali jimteddu/jistrieħu fuqha. Għandu jitferrex biżżejjed tiben niexef fiż-żona tal-mistrieħ. Il-mifrex għandu jkun magħmul minn tiben jew materjal naturali addattat ieħor. Il-mifrex jista' jittejjeb bi kwalunkwe prodott minerali awtorizzat għall-produzzjoni organika bħala fertilizzant jew tejjieb tal-ħamrija skont l-Artikolu 19;

(c) minkejja l-punt (a) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 3(1) u t-tieni sottoparagrafu tal-istess Artikolu tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE[4], iż-żamma ta' għoġġiela f'kaxxi individwali għandu jkun ipprojbit wara l-età ta' ġimgħa, jekk mhux għal annimali individwali għal perjodu ta' żmien limitat, u sakemm dan ikun iġġustifikat għal raġunijiet veterinarji.

2.1.4. Id-densità tal-istokkijiet

[4] Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7)

L-għadd ta' annimali bovini, ovini u kaprini għal kull ettaru għandu jirrispetta l-limiti li ġejjin:

Il-klassi jew l-ispeċi	**L-għadd massimu ta' annimali għal kull ettaru ekwivalenti għal 170 kg N/ettaru/sena**
Għoġġiela għat-tismin	5
Annimali bovini oħra ta' inqas minn sena	5
Annimali bovini rġiel minn sena sa inqas minn sentejn	3,3
Annimali bovini nisa minn sena sa inqas minn sentejn	3,3
Annimali bovini rġiel ta' sentejn jew iktar	2
Erieħ għat-tgħammir	2,5
Erieħ għat-tismin	2,5
Baqar tal-ħalib	2
Baqar tal-ħalib għall-qtil	2
Baqar oħrajn	2,5
Mogħoż	13,3
Nagħaġ (nisa)	13,3

L-erja minima tal-art ta' ġewwa u ta' barra u karatteristiċi oħrajn tal-akkomodazzjoni tal-annimali bovini, ovini u kaprini għandhom ikunu kif ġej:

	Spazju fuq ġewwa (spazju utli disponibbli għall-annimali)		Spazju fuq barra (spazju għall-eżerċizzju, minbarra l-mergħa)
	Piż ħaj minimu (f'kg)	M^2/ir-ras	M^2/ir-ras
It-trobbija u t-tismin ta' annimali bovini	sa 100	1,5	1,1
	sa 200	2,5	1,9
	sa 350	4,0	3
	aktar minn 350	5 b'minimu ta' 1 m^2/100 kg	3,7 b'minimu ta' 0,75 m^2/100 kg
Baqar tal-ħalib		6	4,5
Barrin għar-riproduzzjoni		10	30
Annimali ovini u kaprini		1,5 nagħġa/mogħża	2,5

		0,35 ħaruf/gidi	2,5 b'0,5 kull ħaruf/gidi

2.2. Il-produzzjoni ta' annimali ekwini

2.2.1. Il-konverżjoni

Biex l-annimali ekwini u l-prodotti tagħhom jitqiesu bħala organiċi, ir-regoli tal-produzzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament iridu jkunu ġew applikati għal mill-inqas:

(a) 12-il xahar għall-produzzjoni tal-laħam, u f'kull każ għal mill-inqas tliet kwarti minn ħajjithom;

(b) sitt xhur fil-każ ta' annimali għal produzzjoni tal-ħalib.

2.2.2. In-nutrizzjoni

Rigward in-nutrizzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-annimali ekwini għandu jkollhom aċċess għall-mergħa kull meta jippermettu l-kundizzjonijiet;

(b) f'każijiet fejn l-annimali ekwini jkollhom aċċess għal mergħat matul il-perjodu tar-ragħa u meta s-sistema ta' kenn matul ix-xitwa tagħti l-libertà tal-moviment lill-annimali, l-obbligu li jingħataw spazji fil-miftuħ matul ix-xhur tax-xitwa jista' jitneħħa;

(c) ħlief matul il-perjodu ta' kull sena meta l-annimali jkunu fi transumanza kif imsemmi fil-punt 1.4.2.2., mill-inqas 90 % tal-għalf għandu jiġi mill-azjenda agrikola stess, jew f'każ li dan ma jkunx jista' jsir, dan għandu jkun prodott b'kooperazzjoni ma' azjendi agrikoli organiċi oħrajn fl-istess reġjun;

(d) is-sistemi tat-trobbija għall-annimali ekwini għandhom ikunu bbażati fuq l-użu massimu ta' mergħat biex fihom jimirħu l-annimali skont id-disponibbiltà tal-mergħat f'perjodi differenti tas-sena. Mill-inqas 60 % tal-materja niexfa fir-razzjonijiet tal-annimali ekwini għandha tikkonsisti minn fibra, għalf frisk jew imnixxef, jew għalf mill-ħaxix;

(e) l-annimali ekwini kollha mhux miftumin għandhom preferibbilment jingħataw il-ħalib tal-omm għal perjodu minimu ta' tliet xhur.

2.2.3. Kundizzjonijiet speċifiċi tal-akkomodazzjoni

Rigward l-akkomodazzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-akkomodazzjoni tal-annimali ekwini għandu jkollha art lixxa imma mhux li tiżloq. Mill-inqas nofs l-erja tal-wiċċ tal-akkomodazzjoni ta' ġewwa kif speċifikat fit-tabella dwar l-erjas tal-wiċċ minimi għall-annimali ekwini, irid ikun, kif stipulat fil-punt 2.2.4., sħiħ u mhux forma ta' pjanċi fi strixxi jew gradilja;

(b) l-akkomodazzjoni jrid ikun fiha żona tal-art sħiħa, mhux magħmula minn pjanċi fi strixxi jew gradilja, li tkun komda, nadifa u niexfa, u kbira biżżejjed biex l-annimali jimteddu/jistrieħu fuqha. Għandu jitferrex biżżejjed tiben niexef fiż-żona tal-mistrieħ. Il-mifrex għandu jkun magħmul minn tiben jew materjal naturali addattat ieħor. Il-mifrex jista' jittejjeb bi kwalunkwe prodott minerali awtorizzat għall-produzzjoni organika bħala fertilizzant jew tejjieb tal-ħamrija skont l-Artikolu 19.

2.2.4. Id-densità tal-istokkijiet

L-għadd ta' annimali ekwini għal kull ettaru għandu jirrispetta l-limitu li ġej:

Il-klassi jew l-ispeċi	**L-għadd massimu ta' annimali għal kull ettaru ekwivalenti għal 170 kg N/ettaru/sena**
Ekwini ta' iktar minn sitt xhur	2

L-erja minima tal-art ta' ġewwa u ta' barra u karatteristiċi oħrajn tal-akkomodazzjoni tal-annimali ekwini għandhom ikunu kif ġej:

	Spazju fuq ġewwa (spazju utli disponibbli għall-annimali)		Spazju fuq barra (spazju għall-eżerċizzju, minbarra l-mergħa)
	Piż ħaj minimu (f'kg)	M^2/ir-ras	M^2/ir-ras
It-trobbija u t-tismin ta' annimali ekwini	sa 100	1,5	1,1
	sa 200	2,5	1,9
	sa 350	4,0	3
	aktar minn 350	5 b'minimu ta' 1 m^2/100 kg	3,7 b'minimu ta' 0,75 m^2/100 kg

2.3. Il-produzzjoni ta' annimali suwini

2.3.1. Il-konverżjoni

Biex l-annimali suwini u l-prodotti tagħhom jitqiesu bħala organiċi, ir-regoli tal-produzzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament iridu jkunu ġew applikati għal mill-inqas sitt xhur.

2.3.2. In-nutrizzjoni

Rigward in-nutrizzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) mill-inqas 60% tal-għalf għandu jkun mill-azjenda agrikola stess jew, jekk dan ma jkunx possibbli, irid ikun prodott fl-istess reġjun b'kooperazzjoni ma' rziezet jew operaturi tal-għalf organiċi oħrajn;

(b) l-annimali suwini kollha mhux miftumin għandhom preferibbilment jingħataw il-ħalib tal-omm għal perjodu minimu ta' 40 jum;

(c) għall-qżieqeż, mar-razzjonijiet ta' kuljum għandhom jinżiedu l-fibra, l-għalf frisk jew imnixxef, jew l-għalf mill-ħaxix.

2.3.3. Kundizzjonijiet speċifiċi tal-akkomodazzjoni

Rigward l-akkomodazzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-akkomodazzjoni tal-annimali suwini għandu jkollha art lixxa imma mhux li tiżloq. Mill-inqas nofs l-erja tal-wiċċ tal-akkomodazzjoni ta' ġewwa għall-annimali suwini, irid ikun, kif stipulat fil-punt 2.3.4., sħiħ u mhux forma ta' pjanċi fi strixxi jew gradilja;

(b) l-akkomodazzjoni jrid ikun fiha żona tal-art sħiħa, mhux magħmula minn pjanċi fi strixxi jew gradilja, li tkun komda, nadifa u niexfa, u kbira biżżejjed biex l-annimali jimteddu/jistrieħu fuqha. Għandu jitferrex biżżejjed tiben niexef fiż-żona tal-mistrieħ. Il-mifrex għandu jkun magħmul minn tiben jew materjal naturali addattat ieħor. Il-mifrex jista' jittejjeb bi kwalunkwe prodott minerali awtorizzat għall-produzzjoni organika bħala fertilizzant jew tejjieb tal-ħamrija skont l-Artikolu 19;

(c) il-qżieqeż nisa għandhom jinżammu fi gruppi, minbarra fl-aħħar stadji tat-tqala u matul il-perijodu tat-treddigħ;

(d) il-ħnienes ma għandhomx jinżammu fuq pjattaformi ċatti jew f'gaġeġ għall-ħnienes;

(e) iż-żoni għall-eżerċizzju għandhom jippermettu li l-annimali suwini jħammġu u jħaffru. Għall-iskopijiet ta' tħaffir jistgħu jintużaw sottostrati differenti.

2.3.4. Id-densità tal-istokkijiet

L-għadd ta' annimali suwini għal kull ettaru għandu jirrispetta l-limiti li ġejjin:

Il-klassi jew l-ispeċi	**L-għadd massimu ta' annimali għal kull ettaru ekwivalenti għal 170 kg N/ettaru/sena**
Ħnienes	74
Qżieqeż femminili għat-tgħammir	6,5
Annimali suwini għat-tismin	14
Annimali suwini oħrajn	14

L-erja minima tal-art ta' ġewwa u ta' barra u karatteristiċi oħrajn tal-akkomodazzjoni tal-annimali suwini għandhom ikunu kif ġej:

	Spazju fuq ġewwa (spazju utli disponibbli għall-annimali)		Spazju fuq barra (spazju għall-eżerċizzju, minbarra l-mergħa)
	Piż ħaj minimu (f'kg)	M^2/ir-ras	M^2/ir-ras
Qżieqeż li jkunu qegħdin ireddgħu bi ħnienes ta' mhux iktar minn 40 jum		7,5 qażquża	2,5
Annimali suwini għat-tismin	sa 50	0,8	0,6
	sa 85	1,1	0,8
	sa 110	1,3	1
Ħnienes	ta' iktar minn 40 jum u sa 30 kg	0,6	0,4
Annimali suwini li qegħdin		2,5 qażquża	1,9

irabbu		6 qżieqeż irġiel Jekk l-imqajjel jintużaw għat-tgħammir naturali: 10 m2/qażquż	8,0

2.4. Il-produzzjoni tal-pollam

2.4.1. Il-konverżjoni

Biex il-pollam u l-prodotti tiegħu jitqiesu bħala organiċi, ir-regoli tal-produzzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament iridu jkunu ġew applikati għal mill-inqas:

(a) 10 ġimgħat għal tjur għall-produzzjoni tal-laħam, li jkunu ddaħħlu qabel ma kellhom tlett ijiem;

(b) sitt ġimgħat fil-każ ta' tjur għall-produzzjoni tal-bajd.

2.4.2. L-oriġini tal-pollam

Il-pollam għandu jew jitrabba sa ċerta età minima jew għandu jiġi minn razez li jikbru bil-mod magħżulin mill-awtorità kompetenti. Meta l-operatur ma jużax razez ta' pollam li jikbru bil-mod, l-età minima għall-qatla għandha tkun:

(a) 81 jum għat-tiġieġ;

(b) 150 jum għall-ħosjien;

(c) 49 jum għall-papri ta' Peking;

(d) 70 jum għall-papri Muscovy nisa;

(e) 84 jum għall-papri Muscovy rġiel;

(f) 92 jum għall-papri Mallard;

(g) 94 jum għall-farawni;

(h) 140 jum għad-dundjani rġiel u għall-wiżż għax-xiwi fil-forn; u

(i) 100 jum għad-dundjani nisa.

2.4.3. In-nutrizzjoni

Rigward in-nutrizzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) mill-inqas 60% tal-għalf għandu jkun mill-azjenda agrikola stess jew, jekk dan ma jkunx possibbli, irid ikun prodott fl-istess reġjun b'kooperazzjoni ma' rziezet jew operaturi tal-għalf organiċi oħrajn;

(b) għandhom jinżiedu l-fibra, l-għalf frisk jew imnixxef, jew l-għalf mill-ħaxix mar-razzjonijiet ta' kuljum.

2.4.4. Kundizzjonijiet speċifiċi tal-akkomodazzjoni

Rigward l-akkomodazzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) il-pollam ma għandux jinżamm fil-gaġeġ;

(b) il-pollam tal-ilma għandu jkollu aċċess għal nixxiegħa, roqgħa ilma jew ħawt, lag jew għadira kull meta jkunu jippermettu t-temp u l-kundizzjonijiet tal-

iġjene biex ikunu rispettati l-ħtiġiet speċifiċi tal-ispeċi tagħhom u r-rekwiżiti għat-trattament xieraq tal-annimali; meta t-temp ma jippermettix, dawn għandu jkollhom aċċess għal biżżejjed ilma li jkunu jistgħu jgħoddsu rashom ġo fih biex ikunu jistgħu jnaddfu rixhom;

(c) il-pollam għandu jkollu aċċess għal spazju fil-miftuħ għal mill-inqas terz minn ħajtu. L-art tal-ispazji barra fil-miftuħ għall-pollam għandha fil-parti l-kbira tkun mgħottija bil-ħaxix u l-ispazju għandu joffri l-protezzjoni u jippermettu li l-pollam irid ikun hemm biżżejjed ħwat tal-ilma biex il-pollam ikollu aċċess faċli biex jixrob;

(d) meta l-pollam jinżamm fuq ġewwa minħabba restrizzjonijiet jew obbligi imposti abbażi ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għandu jkollu aċċess permanenti għal biżżejjed fibra u materjal addattat biex jissodisfa l-ħtiġiet etoloġiċi tiegħu;

(e) l-istrutturi tal-kenn għall-pollam kollu għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) mill-inqas terz tal-wiċċ tal-art għandu jkun sħiħ, jiġifieri mhux magħmul minn pjanċi fi strixxi jew gradilja, u għandu jkun mifrux b'materjal bħal tiben, ċana, ramel jew terf;

(ii) f'gallinari għal tiġieġ li jkunu qegħdin ibidu, għandha tkun disponibbli parti sostanzjalment kbira mis-superfiċi disponibbli għat-tiġieġ, biex jinġabar fiha l-ħmieġ tal-għasafar;

(iii) il-pollam għandu jkollu għadd ta' passiġġieri ta' daqs li jkun addattat għall-għadd ta' għasafar, kif stipulat fit-tabella dwar l-erji tal-wiċċ ta' ġewwa u ta' barra u karatteristiċi oħrajn tal-akkomodazzjoni għall-produzzjoni tal-pollam stipulati fil-punt 2.4.5.;

(iv) il-ħajt ta' barra tal-gallinar, dan jinkludi l-possibbiltà ta' veranda, għandu jkollu t-toqob biex l-għasafar ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu, ta' daqs adegwat għalihom, u dawn it-toqob għandu jkollhom tul ikkumbinat ta' mill-inqas 4 m għal kull żona ta' 100 m² tal-gallinar disponibbli għall-għasafar. Fejn ikun hemm veranda, it-toqob tan-naħa ta' ġewwa bejn il-gallinar u l-veranda għandu jkollhom tul ikkombinat ta' 2 m għal kull 100 m² ta' gallinar. L-għasafar għandu jkollhom aċċess għall-veranda l-ħin kollu;

(v) il-gallinari jridu jinbnew b'mod li jippermettu li l-għasafar ikunu jistgħu joħorġu għan-naħa ta' barra faċilment, jiġifieri d-distanza massima minn kwalunkwe punt fin-naħa ta' ġewwa tal-gallinar sal-iżjed toqba qrib ma għandux ikun aktar minn 15-il metru;

(vi) gallinari mibnija fuq sistema ta' sulari ma għandux ikollhom iktar minn tliet sulari ta' arja li jużaw l-għasafar, dan jinkludi s-sular ta' isfel. Ma għandux ikun hemm aktar minn metru wieħed bejn is-sulari jew bejn iż-żoni intermedji, bħalma huma ż-żoni fejn ikun hemm il-bejtiet. Is-sulari ta' fuq għandu jkollhom il-possibbiltà li jkollhom sistemi awtomatiċi li jneħħu l-ħmieġ tal-għasafar;

(f) id-dawl naturali jista' jiġi ssupplimentat b'mezzi artifiċjali biex ikun hemm massimu ta' 16-il siegħa dawl kuljum b'perjodu notturn kontinwu ta' mistrieħ mingħajr dawl artifiċjali ta' mill-inqas tmien sigħat;

(g) il-gallinari għandhom jiġu żvujtati mill-għasafar bejn kull lott ta' pollam imrobbi. L-istrutturi u l-armar għandhom jitnaddfu u jkunu diżinfettati matul dan iż-żmien. Barra minn hekk, meta t-trobbija ta' kull lott ta' pollam tkun lesta, il-passaġġi għandhom jitħallew vojta għal perjodu li t-tul tiegħu jiġi stabbilit mill-Istati Membri, biex terġa' tikber il-veġetazzjoni. Dawn ir-rekwiżiti ma għandhomx japplikaw meta t-tjur ma jitkabbrux f'lottijiet, ma jinżammux f'passaġġi u huma liberi li jiġru fejn iridu matul il-jum.

2.4.5. Id-densità tal-istokkijiet

L-għadd massimu ta' annimali għal kull ettaru għandu jirrispetta l-limiti li ġejjin:

Il-klassi jew l-ispeċi	**L-għadd massimu ta' annimali għal kull ettaru ekwivalenti għal 170 kg N/ettaru/sena**
Brojlers	580
Qrejjaq	230

L-erja minima tal-art ta' ġewwa u ta' barra u karatteristiċi oħrajn tal-akkomodazzjoni tal-għasafar tal-ispeċi *Gallus gallus* għandhom ikunu kif ġej:

	Għasafar tat-trobbija/li qegħdin irabbu	***Stokk ta' għasafar żgħar***		***Għasafar għat-tismin***		***Ħasjien***	***Qrejjaq***
Età	Għasafar li qegħdin irabbu	Tiġieġ li għadhom ma bdewx ibidu ta' 0-8 ġimgħat	Tiġieġ li għadhom ma bdewx ibidu ta' 9-18-il ġimgħa	Ġwież żgħir 0 - 21 jum	Ġwież kbir 22 - 81 jum	22 - 150 jum	Tiġieġ li jbidu minn 19-il ġimgħa
Ir-rata ta' stokkjar fil-gallinari (l-għadd ta' għasafar għal kull metru kwadru ta' erja utilizzata) għall-gallinari fissi u mobbli	6 għasafar	24 għasfur b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m^2	15-il għasfur b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m^2	20 għasfur b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m^2	10 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m^2	10 għasafar b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m^2	6 għasafar
Spazju fuq il-passiġġiera (cm)							18
Limiti addizzjonali għal kull	9 għasafar	36 għasfur mingħajr l-erja tal-	22 għasfur	Mhux applikabbli normalment			9 għasafar

metru kwadru ta' erja tal-art f'sistemi b'għadd ta' sulari (jinkludi l-veranda jekk din tkun aċċessibbli lejl u nhar)		veranda					
Il-limiti tad-daqs tal-qatgħa	3,000 inkluż l-irġiel	10 000*	3 300	10 000*	4 800	2 500	3 000
Ir-rati tal-istokkjar ta' spazji barra (m^2/kull għasfur), sakemm ma jinqabiżx il-limitu ta' 170 kg ta' N/ettaru/sena	4	1	4	1	4	4	4

* rediviżibbli biex jipproduċu 3x3000 jew 2x4800 lott

L-erja minima tal-art ta' ġewwa u ta' barra u karatteristiċi oħrajn tal-akkomodazzjoni ta' għasafar mhux tal-ispeċi *Gallus gallus* għandhom ikunu kif ġej:

	Dundjani		***Wiżż***	***Papri***				***Farawni***
Tip	Maskili	Femminili	Kollha	Peking	Muscovy Irġiel	Muscovy Nisa	Kuluvert	Kollha
Ir-rata ta' stokkjar fil-gallinari (l-għadd ta' għasafar għal kull metru kwadru ta' erja utilizzata) għall-gallinari fissi u mobbli	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²	10 b'massimu ta' 21 kg piż ħaj/m²
Spazju fuq il-passiġġiera (cm)	40	40	Mhux applikabbli normalment	Mhux applikabbli normalment	40	40	Mhux applikabbli normalment	20
Il-limiti tad-daqs tal-qatgħa	2 500	2 500	2 500	4 000 nisa 3 200 irġiel	3 200	4 000	3 200	5 200

Ir-rati tal-istokkjar ta' spazji barra fil-miftuħ (m^2/kull għasfur), sakemm ma jinqabiżx il-limitu ta' 170 kg ta' N/ettaru/sena	10	10	15	4,5	4,5	4,5	4,5	4

2.4.6. L-aċċess għal spazji barra fil-miftuħ

Rigward l-akkomodazzjoni barra fil-miftuħ għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) it-tjur għandu jkollhom aċċess għal spazju fil-miftuħ għal mill-inqas terz minn ħajjithom. B'mod partikolari, għandu jkollhom aċċess kontinwu matul il-ġurnata minn kemm jista' jkun kmieni f'ħajjithom, meta jippermettu l-kundizzjonijiet fiżjoloġiċi u fiżiċi, minbarra f'każ ta' restrizzjonijiet temporanji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(b) l-ispazji fil-miftuħ għall-pollam għandhom fil-parti l-kbira tagħhom ikunu mgħottija bil-ħxejjex ta' firxa kbira ta' pjanti u jkollhom faċilitajiet ta' kenn u jippermettu li l-pollam ikollu aċċess faċli għal għadd adegwat ta' ħwat minn fejn jistgħu jixorbu. Il-ħxejjex fl-ispazju ta' barra jridu jinħasdu u jitneħħew b'mod regolari biex jitnaqqas il-potenzjal li jinġemgħu eċċessi ta' nutrijenti. L-ispazji ta' barra ma għandhomx ikunu ikbar minn raġġ ta' 150 m mill-iktar toqba qrib fil-gallinar. Madankollu tkun permessa estensjoni sa massimu ta' 350 m mill-aktar toqba qrib fil-gallinar sakemm ikun hemm għadd biżżejjed ta' strutturi tal-kenn u ħwat tal-ilma mqassmin b'mod ugwali madwar l-ispazju kollu, b'mill-inqas erba' strutturi tal-kenn għal kull ettaru;

(c) f'kundizzjonijiet meta jkun limitat l-għalf naturali mill-art, pereżempju minħabba li l-art iddum mgħottija b'xi borra, jew jekk ikun hemm nixfa, il-pollam irid bilfors jingħata l-fibra supplimentari bħala parti mill-ikel;

(d) meta l-pollam irid jinżamm fuq ġewwa minħabba restrizzjonijiet jew obbligi imposti abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, għandhom b'mod permanenti jkollhom aċċess għal biżżejjed fibra u materjal addattat biex jissodisfa l-ħtiġiet etoloġiċi tagħhom.

2.4.7. Trattament xieraq tal-annimali

It-tnittif tar-rix mill-għasafar meta dawn ikunu għadhom ħajjin huwa pprojbit.

2.5. Żamma tan-naħal

2.5.1. Il-konverżjoni

Il-prodotti għat-trobbija tan-naħal jistgħu jinbiegħu b'referenza għall-metodu ta' produzzjoni organika biss meta jkun hemm konformità mar-regoli ta' produzzjoni organika stabbiliti f'dan ir-Regolament, għal mill-inqas sena.

Matul il-perjodu ta' konverżjoni ix-xama' għandu jkun sostitwit b'xama' li jkun ġej minn trobbija tan-naħal organika.

2.5.2. L-oriġini tan-naħal

Għan-naħal, għandha tingħata preferenza lill-użu tal-*Apis mellifera* u l-ekotipi lokali tagħhom.

2.5.3. In-nutrizzjoni

Rigward in-nutrizzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) fl-aħħar tal-istaġun tal-produzzjoni, fid-doqqajsa għandhom jitħallew biżżejjed riżervi ta' għasel u trab tad-dakra biex ifornuhom tul ix-xitwa;

(b) l-għalfien tal-kolonji tan-naħal huwa permess biss meta n-naħal fid-duqqajsa jkun fil-periklu minħabba l-kundizzjonijiet klimatiċi. In-naħal għandhom jingħalfu bl-għasel organiku, bil-ġulepp taz-zokkor organiku jew biz-zokkor organiku.

2.5.4. Regoli speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-mard u t-trattament veterinarju fit-trobbija tan-naħal

Rigward il-prevenzjoni tal-mard u t-trattament veterinarju għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) għall-protezzjoni tal-kaxxi tan-naħal, tad-duqqajsa u tax-xehdiet, b'mod partikolari mill-pesti, huma permessi biss ir-rodentiċidi (li għandhom jintużaw biss fin-nases), u prodotti xierqa awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19;

(b) huma permessi trattamenti fiżiċi għad-diżinfezzjoni tad-duqqajsa, bħall-fwar jew fjamma diretta;

(c) il-prattika tal-qerda tal-popolazzjoni maskili hija permessa biss biex tiġi iżolata l-infestazzjoni ta' *Varroa destructor*;

(d) jekk minkejja l-miżuri kollha ta' prevenzjoni, il-kolonji jimirdu jew ikunu infestati, għandhom jiġu trattati minnufih, u, jekk ikun hemm bżonn, il-kolonji jistgħu jitqiegħdu f'duqqajsa ta' iżolament;

(e) f'każijiet ta' infestazzjoni bil-*Varroa destructor* jistgħu jintużaw l-aċidu formiku, l-aċidu lattiku, l-aċidu aċetiku u l-aċidu ossaliku kif ukoll il-mentol, it-timol, l-ewkaliptol jew il-ganfra;

(f) jekk ikun applikat trattament bi prodotti allopatiċi kimikament sintetizzati, matul dan il-perjodu, il-kolonji ttrattati għandhom jitqiegħdu f'duqqajsa iżolati u x-xama' kollha għandha tiġi sostitwita minn xama' li tkun ġejja minn trobbija organika tan-naħal. Sussegwentement, għal dawk il-kolonji jkun japplika l-perjodu ta' konverżjoni ta' sena stabbilit fil-punt 2.5.1.;

(g) bi qbil mal-Artikolu 19, il-punt (f) ma għandux japplika għall-prodotti awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika.

2.5.5. Il-kundizzjonijiet għall-istrutturi tal-kenn speċifiċi għat-trobbija tan-naħal

Rigward il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) id-duqqajsa għandhom jitpoġġew f'żoni li jiżguraw sorsi ta' nektar u trab tad-dakra li jikkonsistu essenzjalment f'uċuħ tar-raba' prodotti organikament jew, kif rilevanti, fi ħxejjex slavaġ jew foresti mhux ġestiti organikament jew uċuħ tar-raba' li jkunu ttrattati biss b'metodi li għandhom impatt ambjentali baxx;

(b) id-duqqajsa għandhom jinżammu f'distanza biżżejjed minn sorsi li jistgħu jwasslu għall-kontaminazzjoni ta' prodotti tat-trobbija tan-naħal jew li jkunu ta' periklu għas-saħħa tan-naħal;

(c) l-għażla tas-sit tad-duqqajsa għandha tkun tali li, f'radju ta' 3 km mis-sit tad-duqqajsa, is-sorsi ta' nektar u tat-trab tad-dakra jkunu jikkonsistu essenzjalment minn għelejjel prodotti b'mod organiku jew ħxejjex spontanji jew għelejjel ittrattati b'metodi li jkollhom impatt ambjentali baxx, ekwivalenti għal dawk deskritti fl-Artikoli 28 u 30 tar-Regolament (UE) Nru 1305/20131 li ma jistgħux jeffettwaw il-kwalifika tat-trobbija tan-naħal bħala organika. Ir-rekwiżiti msemmija fuq ma japplikawx meta ma jkunx żmien il-fjuri, jew meta d-duqqajsa ma jkunux attivi;

(d) id-duqqajsa u l-materjali li jintużaw fit-trobbija tan-naħal għandhom ikunu magħmula bażikament minn materjali naturali li ma jippreżentaw ebda riskju ta' kontaminazzjoni għall-ambjent jew għall-prodotti tal-apikultura;

2.5.6. Regoli speċifiċi għat-trobbija tan-naħal

Rigward il-prattiki tal-apikultura għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) ix-xama' tan-naħal għal oqfsa ġodda għandha tiġi minn unitajiet ta' produzzjoni organika;

(b) fid-duqqajsa jistgħu jintużaw prodotti naturali biss, bħaż-żaftura, ix-xama' u ż-żjut tal-pjanti;

(c) l-użu ta' sustanzi kimiċi sintetiċi li jkeċċu l-pesti huwa pprojbit matul l-operazzjonijiet tal-estrazzjoni tal-għasel;

(d) l-estrazzjoni tal-għasel hija pprojbita mix-xehdi fejn tbid ir-reġina;

(e) it-trobbija tan-naħal ma għandhiex titqies bħala organika meta ssir f'reġjuni jew f'żoni li l-Istati Membri jidentifikaw bħala mhux prattikabbli għall-apikultura organika.

2.5.7. It-trattament xieraq tal-annimali

Rigward it-trattament xieraq tal-annimali għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) il-qerda ta' naħal fix-xehdi bħala metodu assoċjat mal-ħsad tal-prodotti tat-tkabbir tan-naħal hija pprojbita;

(b) il-mutilazzjoni bħall-qtugħ tal-ġwienaħ tal-irġejjen tan-naħal hija pprojbita.

Parti III: Ir-regoli tal-produzzjoni dwar l-alka u l-annimali tal-akkwakultura

1. Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Parti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'faċilità magħluqa taċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-akkwakultura' tfisser faċilità li fiha l-akkwakultura sseħħ f'ambjent magħluq fuq l-art jew fuq bastiment u li tinvolvi ċ-ċirkolazzjoni mill-ġdid tal-ilma, u li tiddependi fuq kontribut permanenti estern tal-enerġija sabiex ikun stabbilizzat l-ambjent tal-annimali tal-akkwakultura;

(2) 'l-enerġija minn sorsi rinnovabbli' tfisser sorsi ta' enerġija rinnovabbli li mhumiex fossili: bħar-riħ, ix-xemx, l-enerġija ġeotermali, il-mewġ, il-marea, l-

idroenerġija, il-gass mill-miżbliet, il-gass mill-impjanti li jittrattaw id-drenaġġ u l-bijogassijiet;

(3) 'mafqas' tfisser post għat-tgħammir, it-tifqis u t-trobbija matul l-ewwel stadji tal-ħajja tal-annimali tal-akkwakultura, b'mod partikulari tal-ħut tal-ġewnaħ u tal-frott tal-baħar;

(4) 'għadira tat-trobbija' tfisser post fejn tintuża sistema ta' produzzjoni intermedja bejn il-mafqas u l-farm fejn jinżammu l-adulti. L-istadju fl-għadira tat-trobbija jitlesta fl-ewwel terz taċ-ċiklu tal-produzzjoni ħlief għall-ispeċijiet li jkunu qed jgħaddu mill-proċess ta' żmoltifikazzjoni (l-adattament tal-ħut mill-ilma ħelu għall-ilma baħar);

(5) 'tniġġis' tfisser l-introduzzjoni ta' sustanzi jew ta' enerġija, b'mod dirett jew indirett, fl-ambjent akkwatiku kif imfisser fid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] u fid-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6], fl-ilmijiet fejn japplikaw rispettivament dawn id-Direttivi;

(6) 'polikultura' tfisser it-trobbija ta' żewġ speċijiet jew iktar, li normalment ikunu minn livelli trofiċi differenti, fl-istess unità ta' kultura;

(7) 'ċiklu tal-produzzjoni' tfisser it-tul tal-ħajja ta' annimal jew alka prodotti fl-akkwakultura mill-aktar stadju bikri tal-ħajja (fil-każ tal-annimali fl-akkwakultura dan ifisser il-bajd iffertilizzat) sal-ħsad;

(8) 'speċijiet imrobbijin lokalment' tfisser speċijiet li mhumiex aljeni u lanqas mhuma speċijiet li ma jinstabux lokalment, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007[7], kif ukoll l-ispeċijiet elenkati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(9) 'id-densità tal-istokk' tfisser il-piż tal-annimali ħajjin għal kull metru kubu ta' ilma fi kwalunkwe ħin matul il-fażi tat-tkabbir għad-daqs tas-suq u, fil-każ tal-ħut ċatt u l-gambli, il-piż għal kull metru kwadru tal-wiċċ.

2. Rekwiżiti ġenerali

2.1. Il-ħidmiet għandhom iseħħu f'postijiet li mhumiex suġġetti għat-tniġġis minn prodotti jew sustanzi li mhumiex awtorizzati għall-produzzjoni organika, jew minn pollutanti li jikkompromettu n-natura organika tal-prodotti.

2.2. L-unitajiet tal-produzzjoni organika u mhux organika għandhom ikunu separati sew u b'konformità mad-distanzi minimi tas-separazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri fejn dawn id-distanzi minimi ta' separazzjoni huma stabbiliti. It-tali miżuri ta' separazzjoni għandhom jissejsu fuq il-qagħda naturali, fuq sistemi separati tat-tixrid tal-ilma, fuq id-distanzi, il-flussi tal-marea u l-post tal-unità organika tal-produzzjoni jkunx favur jew kontra l-kurrent. Il-produzzjoni tal-alka ma għandhiex titqies bħala organika meta ssir f'postijiet jew f'żoni identifikati mill-awtoritajiet tal-Istati Membri

---

5 Id-Direttiva Nru 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

6 Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) (ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19).

7 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 tal-11 ta' Ġunju 2007 dwar l-użu ta' speċi aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura (ĠU L 168, 28.6.2007, p. 1).

bħala postijiet jew żoni li mhumiex addattati għall-akkwakultura jew il-ħsad tal-alka organiċi.

2.3. Għall-ħidmiet il-ġodda kollha li jkunu qed japplikaw għall-produzzjoni organika u li jkunu qed jipproduċu iktar minn 20 tunnellata ta' prodotti tal-akkwakultura fis-sena, għandha tkun meħtieġa valutazzjoni ambjentali li tkun proporzjonata mal-unità tal-produzzjoni biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet tal-unità tal-produzzjoni u tal-ambjent immedjat tagħha u l-effetti li probabbli jkollha meta tibda titħaddem. L-operatur għandu jipprovdi l-valutazzjoni ambjentali lill-korp jew lill-awtorità ta' kontroll. Il-kontenut tal-valutazzjoni ambjentali għandu jkun ibbażat fuq l-Anness IV tad-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8]. Jekk l-unità tkun diġà suġġetta għal valutazzjoni ekwivalenti, allura l-użu tagħha għandu jkun permess għal dan il-għan.

2.4. L-operatur għandu jipprovdi pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ħsad tal-akkwakultura u tal-qtugħ tal-alka li jkun proporzjonat mal-unità tal-produzzjoni.

2.5. Il-pjan għandu jkun aġġornat kull sena u għandu jagħti dettalji dwar l-effetti ambjentali tal-ħidma u dwar il-monitoraġġ ambjentali li għandu jsir, u jelenka l-miżuri li għandhom jitwettqu biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi fuq l-ambjenti akkwatiċi u terrestri tal-madwar, inkluż, fejn applikabbli, it-tnixxija ta' nutrijenti fl-ambjent għal kull ċiklu tal-produzzjoni jew fis-sena. Il-pjan għandu jirreġistra s-sorveljanza u t-tiswija tat-tagħmir tekniku.

2.6. Bħala parti mill-pjan għall-ġestjoni sostenibbli, l-operaturi tan-negozji tal-akkwakultura u tal-alka għandhom ifasslu skeda għat-tnaqqis tal-iskart li għandha tkun implimentata meta jinbdew il-ħidmiet. Fejn ikun possibbli, l-użu tas-sħana residwali għandu jkun limitat għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Għall-qtugħ tal-alka għandha ssir stima tal-bijomassa ta' darba fil-bidu.

3. Kundizzjonijiet għall-alka

Minbarra r-regoli ġenerali tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, 9 u 12, u fejn ikun rilevanti, fit-Taqsima 2, ir-regoli stabbiliti f'din it-Taqsima 3 għandhom japplikaw għat-tkabbir tal-alka. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-produzzjoni tal-algi marini ta' ħafna ċelloli kollha, jew tal-fitoplankton u tal-mikroalgi għall-użu wara bħala għalf għall-annimali tal-akkwakultura.

3.1. Il-konverżjoni

3.1.1. Għal sit għall-qtugħ tal-alka, il-perjodu tal-konverżjoni għandu jkun ta' sitt xhur.

3.1.2. Għal unità għat-tkabbir tal-alka, il-perjodu tal-konverżjoni għandu jkun jew ta' sitt xhur jew ta' ċiklu wieħed sħiħ tal-produzzjoni, skont liema minnhom ikun l-itwal.

3.1.3. Waqt il-perjodu tal-konverżjoni, l-impriża tal-akkwakultura tista' tiġi separata f'għadd ta' unitajiet distinti li ma jkunux ġestiti skont produzzjoni organika waħda. Fir-rigward tal-akwakultura l-istess speċi tista' tkun involuta, dment li jkun hemm separazzjoni xierqa bejn is-siti tal-produzzjoni.

3.2. Ir-regoli tal-produzzjoni għall-alka

[8] Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

3.2.1. Il-ħsad tal-alka salvaġġa li tikber fil-baħar b'mod naturali, u ta' partijiet minnha, huwa kkunsidrat metodu ta' produzzjoni organika dment li:

(a) iż-żoni fejn din tikber ikunu ta' status ekoloġiku għoli kif iddefinit fid-Direttiva 2000/60/KE[9], u ma jkunux meqjusa mhux addattati mil-lat tas-saħħa.

(b) il-ħsad ma jaffettwax b'mod sinifikanti l-istabbiltà tal-ekosistema naturali jew il-manteniment tal-ispeċijiet fiż-żona tal-ġabra.

3.2.2. Il-kultivazzjoni tal-alka għandha ssir f'żoni mal-kosta b'karatterisitiċi ambjentali u tas-saħħa tal-anqas ekwivalenti għal dawk deskritti fil-punt 3.2.1(a) biex tkun meqjusa bħala organika. Barra minn hekk, għandhom japplikaw ir-regoli tal-produzzjoni li ġejjin:

(a) għandhom jintużaw prattiki sostenibbli fl-istadji kollha tal-produzzjoni mill-ġbir tal-alka żagħżugħa sal-ħsad;

(b) biex ikun żgurat li tinżamm ġabra wiesgħa ta' ġeni, il-ġbir tal-alka żagħżugħa għandu jsir b'mod regolari biex tiġi ssupplimentata l-ħażna tal-istokkijiet li jitkabbru ġewwa;

(c) ma għandomx jintużaw fertilizzanti ħlief f'faċilitajiet ta' ġewwa u biss jekk dawn ikunu ġew awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika għal dan il-għan.

3.3. It-tkabbir tal-alka

3.3.1. Il-kultura tal-alka fil-baħar għandha tuża biss nutrijenti li jinsabu b'mod naturali fl-ambjent, jew li jkunu ġejjin mill-produzzjoni organika tal-annimali tal-akkwakultura, li preferibbilment tkun tinsab fil-qrib bħala parti minn sistema ta' polikultura.

3.3.2. Fil-faċilitajiet fuq l-art fejn jintużaw sorsi esterni ta' nutrijenti, il-livelli tan-nutrijenti fl-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom għandhom ikunu l-istess jew inqas minn dawk fl-ilma li jkun dieħel, b'mod li jista' jiġi vverifikat. Jistgħu jintużaw biss nutrijenti ta' oriġini mill-pjanti jew minerali li jkunu awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19.

3.3.3. Id-densità tal-kultura jew l-intensità operattiva għandha tiġi rreġistrata u għandha żżomm l-integrità tal-ambjent akkwatiku billi jkun żgurat li ma tinqabiżx il-kwantità massima tal-alka li tista' tiġi sostnuta mingħajr effetti negattivi fuq l-ambjent.

3.3.4. Il-ħbula u kull tagħmir ieħor użat biex titkabbar l-alka għandu jerġa' jintuża jew jiġi rriċiklat fejn ikun possibbli.

3.4. Il-ħsad sostenibbli tal-alka selvaġġa

3.4.1. Għandha ssir stima ta' darba tal-bijomassa fil-bidu tal-ħsad tal-alka

3.4.2. Għandhom jinżammu kontijiet dokumentati fl-unità jew fuq il-post u dawn għandhom jgħinu lill-operatur jidentifika, u lill-awtorità jew lill-korp ta' kontroll jivverifika li dawk li jaħsdu l-alka jkunu fornew biss alka salvaġġa prodotta skont dan ir-Regolament.

3.4.3. Il-ħsad għandu jsir b'tali mod li l-ammonti maħsuda ma joħolqux impatt sinifikanti fuq l-istat tal-ambjent akkwatiku. Għandhom jittieħdu miżuri biex ikun żgurat li l-

[9] Id-Direttiva 2006/113/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-kwalità meħtieġa għall-ilmijiet tal-koltivazzjoni tal-molluski (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 14).

alka tkun tista' terġa' ttella', u li ma jkunx hemm qbid sekondarju bħal pereżempju bit-teknika tal-ħsad li tintuża, billi jkun hemm daqs, età, ċikli tar-riproduzzjoni minimi u d-daqs tal-alka li jkun għad baqa'.

3.4.4. Jekk l-alka tinqata' minn żona komuni jew maqsuma għall-qtugħ tal-alka, għandu jkun hemm evidenza dokumentarja li l-ammont maqtugħ kollu huwa f'konformità ma' dan ir-Regolament.

4. Ir-rekwiżiti dwar l-annimali tal-akkwakultura

Barra mir-regoli ġenerali tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, 9 u 12, ir-regoli stipulati f'din it-Taqsima 4 għandhom japplikaw għall-ispeċijiet tal-ħut, tal-krustaċji, tal-ekinodermi u tal-molluski kif imsemmi fil-punt 4.1.5.10. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għaż-żooplankton, għall-mikrokrustaċji, għar-rotiferi, għall-ħniex u għall-annimali akkwatiċi l-oħra tal-għalf.

4.1. Rekwiżiti ġenerali

4.1.1. Il-konverżjoni

4.1.1.1. Għandhom japplikaw il-perjodi tal-konverżjoni li ġejjin għat-tipi ta' unitajiet tal-produzzjoni tal-akkwakultura li ġejjin, inklużi l-annimali tal-akkwakultura li diġà jeżistu:

(a) perjodu ta' konverżjoni ta' 24 xahar għall-faċilitajiet li ma jistgħux jitbattlu mill-ilma, jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati;

(b) perjodu ta' konverżjoni ta' 12-il xahar għall-faċilitajiet li jkunu tbattlu mill-ilma jew li sserrħu;

(c) perjodu għall-bidla ta' sitt xhur għall-faċilitajiet li tbattlu mill-ilma, li tnaddfu u li ġew iddiżinfettati;

(d) għall-faċilitajiet fl-ilma miftuħ, anki dawk li jipproduċu l-molluski bivalvi, perjodu ta' konverżjoni ta' tliet xhur.

4.1.1.2. Waqt il-perjodu tal-konverżjoni, l-impriża tal-akkwakultura tista' tiġi separata f'għadd ta' unitajiet distinti li ma jkunux kollha ġestiti skont il-produzzjoni organika. Rigward l-akkwakultura tal-istess annimali, jistgħu jkunu involuti l-istess speċijiet, dment li jkun hemm separazzjoni xierqa bejn l-unitajiet tal-produzzjoni.

4.1.2. L-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura

4.1.2.1. Rigward l-oriġini tal-annimali tal-akkwakultura għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) l-akkwakultura organika għandha tkun ibbażata fuq it-trobbija ta' stokkijiet ta' età żgħira li joriġina minn ġidd organiku u minn impriżi organiċi;

(b) għandhom jintużaw speċijiet imkabbrin lokalment u t-trobbija għandha timmira li toħloq razez li jkunu iktar addattati għall-kundizzjonijiet tal-produzzjoni, biex ikunu żgurati s-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, u użu tajjeb tar-riżorsi tal-għalf. Il-korp jew l-awtorità ta' kontroll għandhom jingħataw evidenza dokumentata dwar l-oriġini u t-trattament tagħhom;

(c) għandhom jintgħażlu speċijiet li jistgħu jitrabbew mingħajr ma ssir ħsara sinifikanti lill-istokkijiet slavaġ;

(d) annimali tal-akkwakultura slavaġ maqbudin jew annimali tal-akkwakultura mhux organika jistgħu jiddaħħlu f'azjenda biex itejbu l-istokkijiet ġenetiċi. It-tali annimali għandhom jinżammu skont ġestjoni organika għal mill-anqas tliet xhur qabel ma jkunu jistgħu jintużaw għat-tgħammir.

4.1.2.2. Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin rigward it-trobbija:

(a) l-użu tal-ormoni u tad-derivati tal-ormoni għandu jkun ipprojbit;

(b) ma għandhomx jintużaw il-produzzjoni artifiċjali ta' varjetajiet monosesswali ħlief permezz tal-għażla magħmula bl-idejn, l-induzzjoni tal-poliplojdija, l-ibridizzazzjoni u l-klonaġġ artifiċjali;

(c) għandhom jintgħażlu varjetajiet addattati;

(d) għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi skont l-ispeċi għall-ġestjoni, it-trobbija u l-produzzjoni żgħażugħa ta' ġidd.

4.1.3. In-nutrizzjoni

4.1.3.1. Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin dwar l-għalf għall-ħut u l-krustaċji u l-ekinodermi:

(a) l-annimali għandhom jintgħalfu b'għalf li jissodisfa l-ħtiġiet nutrizzjonali tagħhom fl-istadji varji tal-iżvilupp tagħhom;

(b) ir-reġimi tat-tagħlif għandhom jitfasslu bil-prijoritajiet li ġejjin:

(i) is-saħħa tal-annimali u l-ġid tal-annimali;

(ii) kwalità għolja tal-prodotti, inkluż tal-kompożizzjoni nutrizzjonali, li għandha tiżgura kwalità għolja tal-prodott aħħari li jista’ jittiekel;

(iii) impatt baxx fuq l-ambjent;

(c) il-frazzjoni tal-għalf mill-pjanti għandha toriġina minn produzzjoni organika u l-frazzjoni tal-għalf idderivata minn annimali akkwatiċi għandha toriġina minn sfruttament sostenibbli tas-sajd;

(d) fil-każ ta' materjal tal-għalf mhux organiku li joriġina mill-pjanti, materjal tal-għalf li joriġina minn annimali u minerali, additivi tal-għalf; ċerti prodotti li jintużaw fin-nutrizzjoni tal-annimali u għajnuniet għall-ipproċessar għandhom jintużaw biss jekk ikunu awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont dan ir-Regolament;

(e) ma għandhomx jintużaw promuturi ta' tkabbir u aċidi amino sintentiċi;

(f) fl-akkwakultura organika jistgħu jintużaw biss materjali tat-tagħlif ta' oriġini minerali li jkunu awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19;

(g) fl-akkwakultura organika jistgħu jintużaw biss additivi tal-ikel, ċerti prodotti li jintużaw għan-nutrizzjoni tal-annimali u l-għajnuniet għall-ipproċessar imsemmija fil-punt 1.4.4. tal-Parti II.

4.1.3.2. Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin rigward il-molluski bivalvi u speċijiet oħra li ma jintgħalfux mill-bniedem iżda jgħixu fuq il-plankton naturali:

(a) tali animali li huma filter-feeding għandhom jirċievu l-ħtiġiet nutrizzjonali kollha tagħhom min-natura ħlief fil-każ taż-żgħar imrobbija fl-imfaqas u fl-għadajjar tat-trobbija;

(b) iż-żoni tat-trobbija għandhom ikunu ta' status ekoloġiku għoli kif iddefinit mid-Direttiva 2000/60/KE.

4.1.3.3. Ir-regoli speċifiċi dwar l-għalf għall-annimali tal-akkwakultura li huma karnivori

L-għalf għall-annimali tal-akkwakultura li huma karnivori għandu jinġieb skont il-prijoritajiet li ġejjin:

(a) għalf organiku li joriġina mill-akkwakultura;

(b) mill-ħut mitħun u miż-żejt tal-ħut idderivat mill-bċejjeċ maqtugħin tal-akkwakultura organika ta' ħut, krustaċji jew molluski;

(c) mill-ħut mitħun u miż-żejt tal-ħut u ingredjenti li ġejjin mill-ħut u li ġejjin mill-bċejjeċ maqtugħin mill-ħut li jkun diġà nqabad għall-konsum mill-bniedem permezz tas-sajd sostenibbli;

(d) mill-ħut mitħun u miż-żejt tal-ħut u ingredjenti dderivati minn ħut, krustaċji jew molluski sħaħ maqbudin permezz tas-sajd sostenibbli, li ma jintużawx għall-konsum mill-bniedem;

(e) materjali tal-għalf organiku li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali; il-materjal mill-pjanti ma għandux jaqbeż is-60% tat-total tal-ingredjenti.

4.1.3.4. Ir-regoli speċifiċi dwar l-għalf għal ċerti annimali tal-akkwakultura

Il-ħut fil-korpi ta' ilma magħluqin, il-gambli penaeidi u l-gambli tal-ilma ħelu u l-ħut tropikali tal-ilma ħelu għandhom jintgħalfu kif ġej:

(a) b'għalf li jinsab naturali fl-għadajjar u fil-lagi;

(b) fejn ma jkunx hemm kwantitajiet biżżejjed ta' għalf naturali, kif imsemmi fil-punt (a), jistgħu jintużaw jew għalf organiku li jkun ġej mill-pjanti li, preferibbilment, ikunu tkabbru fl-istabbiliment stess, inkella alka. L-operaturi għandhom iżommu evidenza dokumentata tal-ħtieġa li jintuża għalf addizzjonali;

(c) fejn l-għalf naturali jiġi ssupplimentat skont il-punt (b), ir-razzjon tal-għalf ta' kull speċi għandu jkun kif imsemmi fil-punt 4.1.5.10. (g) u tas-siamese catfish (*Pangasius* spp.) jista' jkun fih massimu ta' 10% ħut mitħun jew żejt tal-ħut idderivat permezz tas-sajd sostenibbli.

4.1.4. Il-kura tas-saħħa

4.1.4.1. Il-prevenzjoni tal-mard

Rigward il-prevenzjoni tal-mard għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) il-prevenzjoni tal-mard għandha tkun ibbażata fuq iż-żamma tal-annimali f'kundizzjonijiet ottimali permezz ta' ippostjar xieraq, li jqis, fost affarijiet oħra l-ħtiġiet tal-ispeċijiet diversi ta': kwalità tajba tal-ilma, tar-rata tal-fluss u t-tibdil, tat-tfassil ottimu tal-impriżi, tal-applikazzjoni ta' prattiki ta' trobbija u ta' ġestjoni tajbin, li jinkludu t-tindif u d-diżinfezzjoni regolari tal-postijiet, għalf ta' kwalità tajba, densità ta' popolazzjonijiet xierqa, u selezzjoni xierqa tar-razez u tal-varjetajiet;

(b) l-użu ta' mediċini veterinarji immunoloġiċi huwa permess;

(c) il-pjan dwar il-ġestjoni tas-saħħa tal-annimali għandu jagħti d-dettalji dwar il-prattiki tal-bijosigurtà u tal-prevenzjoni tal-mard, inkluż ftehim bil-miktub dwar konsulenza dwar is-saħħa li tkun proporzjonata mal-unità tal-produzzjoni, minn servizzi kkwalifikati fis-saħħa tal-annimali tal-akkwakultura li għandhom iżuru l-istabbiliment tal-inqas darba fis-sena u mhux inqas minn darba kull sentejn fil-każ tal-frott tal-baħar bivalvi;

(d) is-sistemi fejn jinżammu l-annimali, it-tagħmir u l-għodod għandhom jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati sewwa;

(e) l-organiżmi bijoloġiċi li jikbru mat-tagħmir għandhom jitneħħew biss b'mezzi fiżiċi jew bl-idejn u, fejn ikun xieraq, għandhom jerġgħu jintefgħu fil-baħar 'il bogħod mill-azjenda agrikola;

(f) jistgħu jintużaw biss sustanzi tat-tindif u tad-diżinfettar tat-tagħmir u tal-faċilitajiet li jkunu awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19.

(g) rigward is-serħan tal-faċilitajiet għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

   (i) l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar jekk hux meħtieġ is-serħan, u dwar it-tul ta' żmien xieraq li għandu jkun applikat u ddokumentat wara kull ċiklu ta' produzzjoni fis-sistemi taż-żamma tal-ilma miftuħin fil-baħar;

   (ii) dan ma għandux ikun obbligatorju għat-tkabbir tal-molluski bivalvi;

   (iii) matul il-perjodu tas-serħan, il-gaġġa jew l-istruttura l-oħra użata għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura titbattal, tiġi ddiżinfettata u titħalla battala qabel ma terġa' tintuża;

(h) fejn ikun xieraq, l-għalf tal-ħut li ma jkunx ittiekel, il-ħmieġ tal-ħut u l-annimali mejtin għandhom jitneħħew mill-ewwel biex ikun evitat kull riskju ta' ħsara ambjentali sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwalità tal-ilma, biex jitnaqqsu r-riskji tal-mard, u biex ma jiġux attratti insetti jew rodituri;

(i) id-dawl ultravjola u l-ożonu jistgħu jintużaw biss fil-mafqsiet u fl-għadajjar tat-trobbija;

(j) għall-kontroll bijoloġiku tal-ektoparassiti, għandha tingħata preferenza lill-użu ta' ħut li jnaddaf.

4.1.4.2. It-trattamenti veterinarji

Għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin rigward it-trattamenti veterinarji:

(a) il-mard għandu jiġi ttrattat minnufih biex kemm jista' jkun l-annimal ma jsofrix; il-prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi sintetizzati kimikament, inklużi l-antibijotiċi, jistgħu jintużaw fejn meħtieġ u f'kundizzjonijiet stretti taħt ir-responsabbiltà ta' veterinarju, fejn ma jkunx xieraq l-użu ta' prodotti fitoterapewtiċi, omeopatiċi u oħrajn. Fejn jixraq għandhom jiġu ddefiniti r-restrizzjonijiet rigward korsijiet ta' trattament u perjodi ta' rtirar;

(b) għandhom ikunu permessi trattamenti marbutin mal-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali imposti abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

(c) meta titfaċċa problema tas-saħħa minkejja l-miżuri preventivi biex jiżguraw is-saħħa tal-annimali, skont il-punt 4.1.4.1., jistgħu jintużaw it-trattamenti veterinarji li ġejjin f'din l-ordni ta' preferenza:

(i) sustanzi mill-pjanti, mill-annimali jew mill-minerali f'sustanza dilwita omeopatika;

(ii) pjanti u l-estratti tagħhom li ma għandhomx effetti anestetiċi; u

(iii) sustanzi bħal mikroelementi, metalli, immunostimulanti naturali, jew probijotiċi awtorizzati;

(d) l-użu tat-trattamenti allopatiċi huwa limitat għal żewġ korsijiet ta' trattament fis-sena, ħlief għat-tilqim u għall-iskemi obbligatorji ta' qerda. Madanakollu, fil-każijiet ta' ċiklu ta' produzzjoni ta' inqas minn sena, japplika limitu ta' trattament allopatiku wieħed. Jekk jinqabżu l-limiti msemmija għat-trattamenti allopatiċi, l-annimali tal-akkwakultura kkonċernati ma jistgħux jinbiegħu bħala prodotti organiċi;

(e) l-użu tat-trattamenti kontra l-parassiti, li ma jinkludix l-iskemi obbligatorji tal-kontroll imħaddma mill-Istati Membri, għandu jkun limitat għal darbtejn fis-sena inkella għal darba fis-sena f'każ li ċ-ċiklu tal-produzzjoni jkun ta' inqas minn 18-il xahar;

(f) il-perjodu ta' rtirar tat-trattamenti veterinarji allopatiċi u tat-trattamenti kontra l-parassiti skont il-punt (d), fosthom tat-trattamenti skont l-iskemi obbligatorji tal-kontroll u ta' qerda, għandu jkun id-doppju tal-perjodu legali ta' rtirar kif imsemmi fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE, jew, f'każ li dan il-perjodu ma jkunx speċifikat, ta' 48 siegħa;

(g) kull meta jintużaw prodotti mediċinali veterinarji, dan l-użu għandu jiġi ddikjarat lill-korp jew lill-awtorità tal-kontroll qabel ma jiġu kkummerċjalizzati bħala annimali organiċi. L-istokk li jkun ġie ttrattat għandu jkun identifikabbli faċilment.

4.1.5. Il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-prattiki tat-trobbija

4.1.5.1. Il-faċilitajiet magħluqa taċ-ċirkulazzjoni mill-ġdid tal-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura ma għandhomx ikunu permessi, minbarra fil-każijiet ta' mafqsiet u għadajjar tat-trobbija, u l-produzzjoni ta' speċijiet użati bħala organiżmi organiċi tal-għalf.

4.1.5.2. It-tisħin u t-tberrid artifiċjali tal-ilma għandu jkun permess biss fil-mafqsiet u fl-għadajjar tat-trobbija. Għat-tisħin u t-tberrid tal-ilma fl-istadji kollha tal-produzzjoni jista' jintuża ilma naturali mill-ispieri.

4.1.5.3. L-ambjent tat-trobbija tal-annimali tal-akkwakultura għandu jitfassal b'tali mod li, skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ispeċi tagħhom, l-annimali tal-akkwakultura:

(a) għandu jkollhom biżżejjed spazju għal raġunijiet tal-benessri tagħhom, u fejn rilevanti densità minima ta' stokkijiet;

(b) għandhom jinżammu f'ilma fejn, fost affarijiet oħra, il-kwalità tkun tajba, ikun hemm rata ta' ġiri u tibdil tal-ilma xierqa, ikollhom biżżejjed ossiġenu u jinżamm livell baxx ta' metaboliti;

(c) jinżammu f'temperatura u f'kundizzjonijiet tad-dawl skont ir-rekwiżiti tal-ispeċi u filwaqt li jitqies il-post ġeografiku.

Fil-każ tal-ħut tal-ilma ħelu, il-qiegħ għandu jkun joqrob kemm jista' jkun lejn il-kundizzjonijiet naturali.

Fil-każ tal-karpjun, il-qiegħ għandu jkun art naturali.

4.1.5.4. It-tfassil u l-bini tas-sistemi akkwatiċi taż-żamma għandhom jipprovdu rati ta' ġiri tal-ilma u parametri fiżjokimiċi li jissalvagwardjaw is-saħħa u l-benessri tal-annimali u jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' mġibithom.

4.1.5.5. L-unitajiet tat-trobbija fuq l-art għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għal sistemi bl-ilma dieħel u ħiereġ minnhom, għandu jkun possibbli li wieħed jimmonitorja u jikkontrolla r-rata ta' ġiri tal-ilma u l-kwalità kemm tal-ilma li jkun dieħel fihom kif ukoll tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom;

(b) tal-anqas ħamsa fil-mija miż-żona ta' mad-dawra tal-istabbiliment ("iż-żona fejn jiltaqgħu l-art u l-ilma") għandu jkollha veġetazzjoni naturali.

4.1.5.6. Is-sistemi taż-żamma fil-baħar għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu jinsabu f'post fejn ir-rata ta' ġiri tal-ilma, il-fond tal-ilma u t-tibdil tal-ilma kollu jkunu addattati biex jitnaqqas l-impatt fuq qiegħ il-baħar u fuq l-ammont tal-ilma tal-madwar;

(b) ikollhom disinn, bini u manteniment tal-gaġeġ li jkunu adegwati f'dak li għandu x'jaqsam mal-esponiment tagħhom għall-ambjent ta' ħidma.

4.1.5.7. Is-sistemi taż-żamma għandhom jitfasslu, jitqiegħdu u jitħaddmu b'mod li jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' inċidenti li fihom jaħarbu l-annimali.

4.1.5.8. Jekk jaħarbu l-ħut jew il-krustaċji, għandha tittieħed azzjoni xierqa biex jitnaqqas l-impatt fuq l-ekosistema tal-post, inkluż il-qbid mill-ġdid, fejn ikun xieraq. Għandha tinżamm evidenza dokumentata.

4.1.5.9. Għall-produzzjoni tal-annimali tal-akkwakultura fil-vaski tal-ħut, fit-tankijiet jew fil-korsi, l-azjendi agrikoli għandhom ikunu mgħammra jew b'tankijiet jew vaski b'saff naturali li jiffiltraw l-ilma, jew b'vaski fejn joqgħod in-naqal, jew b'filtri bijoloġiċi jew mekkaniċi li jiġbru n-nutrijenti skartati jew għandhom jużaw l-alka jew l-annimali (bivalvi u algi) li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom. Fejn ikun xieraq, għandu jkun hemm monitoraġġ tal-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom f'perjodi regolari.

4.1.5.10. Id-densità tal-istokkijiet

Filwaqt li jitqiesu l-effetti tad-densità tal-istokkijiet fuq il-benessri tal-ħut prodott, għandhom ikunu ssorveljati l-kundizzjoni tal-ħut (bħall-ħsara lill-ġwienaħ, feriti oħrajn, ir-rata tat-tkabbir, l-imġiba espressa u s-saħħa ġenerali) u l-kwalità tal-ilma.

Id-densità tal-istokkijiet għandha tkun kif stabbilit hawn taħt skont l-ispeċi jew il-grupp ta' speċijiet:

(a) Il-produzzjoni organika ta' ħut tal-familja tas-salamun fl-ilma ħelu:

L-ispeċijiet ikkonċernati: trota kannella *(Salmo trutta)* – trota qawsalla *(Oncorhynchus mykiss)* – trota Amerikana tax-xmajriet *(Salvelinus fontinalis)* – salamun *(Salmo salar)* – charr *(Salvelinus alpinus)* – grayling *(Thymallus*

thymallus) – trota Amerikana tal-lagi (jew trota griża) *(Salvelinus namaycush)* – huchen *(Huchohucho)*

Is-sistema tal-produzzjoni	Is-sistemi tat-tismin fl-istabbilimenti jridu jingħalfu minn sistemi miftuħin. Ir-rata ta' ġiri tal-ilma trid tiżgura li jkun hemm mill-inqas 60 % ta' saturazzjoni bl-ossiġnu għall-istokk u trid tiżgura l-kumdità tagħhom u tiżgura t-tneħħija tal-ilma bin-naqal li jkun ħiereġ 'il barra mill-istabbiliment.
Id-densità massima tal-istokk	L-ispeċijiet tal-familja tas-salamun mhux elenkati hawn taħt 15-il kg/m^3 Salamun 20 kg/m^3 It-trota kannella u t-trota qawsalla: 25 kg/m^3 Charr tal-Artiku 20 kg/m^3

(b) Il-produzzjoni organika ta' ħut tal-familja tas-salamun fl-ilma baħar:

L-ispeċijiet ikkonċernati: is-salamun (*Salmo salar*), It-trota kannella (*Salmo trutta*) – it-trota qawsalla (*Oncorhynchus mykiss*)

Id-densità massima tal-istokk	10 kg/m^3 fi xbieki taż-żamma (net pens)

(c) Il-produzzjoni organika tal-merluzz (*Gadus morhua*) u ta' Gadidae oħrajn, tal-ispnott (*Dicentrarchus labrax*), tal-awrat (*Sparus aurata*), tal-gurbell (*Argyrosomus regius*), tal-barbun imperjali (*Psetta maxima* [= *Scopthalmus maximux*]), tal-pagru komuni (*Pagrus pagrus* [= *Sparus pagrus*]), tal-pixxitanbur aħmar (*Sciaenops ocellatus*) u ta' *Sparidae* oħrajn, u tal-ispinefoot (*Siganus spp.*)

Is-sistema tal-produzzjoni	F'sistemi taż-żamma tal-ilma miftuħin (xbieki taż-żamma/gaġeġ) b'veloċità minima tal-kurrent tal-baħar biex il-ħut jingħata l-aħjar trattament possibbli jew f'sistemi miftuħin fuq l-art.
Id-densità massima tal-istokk	Għall-ħut kollu ħlief għall-barbun imperjali: 15 kg/m^3 Għall-barbun imperjali: 25 kg/m^2

(d) Il-produzzjoni organika tal-ispnott, tal-pagru, tal-gurbell, tal-mulett (*Liza*, *Mugil*) u tas-sallur (*Anguilla spp*) f'vaski tal-art f'żoni tal-marea u fil-laguni ta' mal-kosta

Is-sistema taż-żamma	Għadajjar tradizzjonali tas-salini mibdula f'unitajiet tal-produzzjoni tal-akkwakultura u vaski tal-art simili f'żoni tal-marea
Is-sistema tal-produzzjoni	Għandu jkun hemm bdil adegwat tal-ilma biex ikun żgurat it-trattament xieraq tal-ispeċijiet. Tal-anqas 50 % mid-digi jridu jkunu mgħottija bil-pjanti Huma meħtieġa vaski għat-tisfija tal-impuritajiet ibbażati

	f'art mistagħdra
Id-densità massima tal-istokk	4 kg/m^3

(e) Il-produzzjoni organika tal-istorjun fl-ilma ħelu:

L-ispeċi kkonċernata: Il-familja tal-istorjun (*Acipenseridae*)

Is-sistema tal-produzzjoni	Ir-rata ta' ġiri tal-ilma f'kull unità tat-trobbija għandha tkun biżżejjed biex tiżgura l-benessri tal-annimali L-ilma li jkun ħiereġ 'il barra minnhom għandu jkun tal-istess kwalità bħal dak li jkun dieħel fihom
Id-densità massima tal-istokk	30 kg/m^3

(f) Il-produzzjoni organika tal-ħut fl-ilmijiet interni:

L-ispeċi kkonċernata: Il-familja tal-karpjun (*Cyprinidae*) u speċijiet oħrajn relatati fil-kuntest tal-polikultura, inklużi l-ispnott, il-lizz, il-'catfish', il-koregonidi ('coregonids') u l-istorjun.

Is-sistema tal-produzzjoni	F'vaski tal-ħut li għandhom jitbattlu kompletament mill-ilma kull tant żmien, u fil-lagi. Il-lagi jridu jkunu ddedikati biss għall-produzzjoni organika, inkluż l-għelejjel li jitkabbru fiż-żoni nexfin. Iż-żona għall-qbid tal-ħut għandha tkun mgħammra b'kalanka ta' ilma nadif u għandha tkun ta' daqs li jipprovdi lill-ħut l-iktar kumdità possibbli. Il-ħut għandu jinħażen f'ilma nadif wara li jinqabad. Il-fertilizzazzjoni organika u minerali tal-għadajjar u l-lagi għandha ssir biss b'fertilizzanti u kundizzjonaturi tal-ħamrija awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19, b'applikazzjoni massima ta' 20 kg ta' nitroġenu kull ettaru. Mhumiex permessi t-trattamenti li fihom jintużaw sustanzi kimiċi sintetiċi għall-kontroll tal-idrofiti u hija pprojbita kopertura bil-pjanti fl-ilmijiet tal-produzzjoni. Għandhom jinżammu żoni tal-veġetazzjoni spontanja madwar l-unitajiet tal-ilmijiet interni bħala żoni ta' lqugħ għaż-żoni tal-art esterni li ma jkunux involuti fil-ħidma tal-produzzjoni skont ir-regoli tal-akkwakultura organika. Għat-tkabbir għad-daqs tas-suq, għandha tintuża "l-polikultura" bil-kundizzjoni li l-kriterji stabbiliti f'dawn l-ispeċifikazzjonijiet għall-ispeċijiet l-oħrajn tal-ħut tal-lagi

	jinżammu kif dovut.
Il-ġabra mill-produzzjoni	Il-produzzjoni totali tal-ispeċijiet hija llimitata għal 1500 kg. ta' ħut għal kull ettaru fis-sena.

(g) Il-produzzjoni organika tal-gambli u tal-gambli tal-ilma ħelu (*Macrobrachium sp.*):

It-twaqqif tal-unità jew tal-unitajiet tal-produzzjoni	Dawn għandhom ikunu f'żoni tat-tafal moxa sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt ambjentali tal-bini tal-vaska. Il-vaski għandhom jinbnew bit-tafal naturali li jkun hemm diġà. Mhix permessa l-qerda tal-mangrovja.
It-tul taż-żmien għall-konverżjoni	Sitt xhur għal kull vaska, li jikkorrispondu mat-tul ta' ħajja normali ta' gamblu fl-istabbiliment.
L-oriġini tal-istokk għar-riproduzzjoni	Wara tliet snin ta' ħidma, tal-anqas nofs l-istokk għar-riproduzzjoni għandu jkun domestiku. In-nofs l-ieħor għandu jkun stokk għar-riproduzzjoni ħieles mill-patoġenu u li jkun ġej mis-sajd sostenibbli. Għandu jkun implimentat proċess ta' eżaminazzjoni obbligatorja fuq l-ewwel u t-tieni ġenerazzjoni qabel ma dawn jiddaħħlu fl-istabbiliment.
L-asportazzjoni taz-zokk jiċċaqlaq li fuqu jkollu l-għajn	Mhux permess.
Id-densitajiet massimi tal-istokk u l-limiti massimi tal-produzzjoni fl-istabbiliment	Iż-żrigħ: massimu ta' 22 larva li għadhom kemm għaddew mill-istadju tal-larvi imma li għad jonqoshom xi karatteristiċi, għal kull metru kwadru Il-bijomassa massima istantanja: 240 g/m^2

(h) Il-molluski u l-ekinodermi

Is-sistemi tal-produzzjoni	Il-konzijiet, iċ-ċattri, it-tkabbir f'qiegħ il-baħar, ix-xbieki, il-gaġeġ, it-tilari, il-lampari, l-arbli 'bouchot' jew is-sistemi l-oħra taż-żamma. Għat-tkabbir tal-maskli fuq iċ-ċattri, l-għadd ta' ħbula għall-kultivazzjoni tal-maskli ma għandux jaqbeż il-wieħed għal kull metru kwadru ta' erja tal-wiċċ. It-tul massimu tal-ħbula ma għandux ikun iżjed minn 20m. Ma għandux ikun hemm traqqiq tal-ħbula għall-kultivazzjoni tal-maskli waqt iċ-ċiklu tal-produzzjoni. Madanakollu, il-ħbula għall-kultivazzjoni tal-maskli jistgħu jiġu sottodiviżi, dejjem jekk ma tiżdiedx id-densità tal-istokk tal-bidu.

(i) Ħut tal-ilma ħelu tropikali: il-'milkfish' (*Chanos chanos*), it-tilapja (*Oreochromis sp.*), is-'siamese catfish' (*Pangasius sp.*)

Is-sistemi tal-produzzjoni	Il-vaski u n-nases
Id-densità massima tal-istokk	Pangasius: 10 kg/m^3 Oreochromis: 20 kg/m^3

4.1.6. Trattament xieraq tal-annimali

4.1.6.1. Il-persunal kollu li jieħu ħsieb l-annimali tal-akkwakultura għandu jkollu l-għarfien u l-kapaċitajiet bażiċi meħtieġa fir-rigward tas-saħħa u l-ħtiġijiet ta' trattament xieraq tal-annimali

4.1.6.2. L-annimali tal-akkwakultura kemm jista' jkun m'għandhomx jintmissu, iżda jekk dan ikun meħtieġ, għandu jsir bl-ikbar attenzjoni u għandhom jintużaw it-tagħmir u l-protokolli xierqa sabiex jiġu evitati l-istress u l-ħsara fiżika assoċjati mal-proċeduri tat-tqandil. L-istokk għar-riproduzzjoni għandu jitqandel b'mod li jitnaqqsu kemm jista' jkun il-ħsara fiżika u l-istress u, fejn ikun xieraq, billi jingħata l-loppju. Il-ħidmiet tal-gradazzjoni għandhom ikunu llimitati kemm jista' jkun u għandhom jitwettqu skont il-bżonn biex ikun żgurat it-trattament xieraq tal-ħut.

4.1.6.3. Għandhom japplikaw ir-restrizzjonijiet li ġejjin fuq l-użu tad-dawl artifiċjali:

(a) biex jittawwal il-ħin naturali tal-ġurnata, dan ma għandux jaqbeż massimu li jirrispetta l-ħtiġijiet etoloġiċi, il-kundizzjonijiet ġeografiċi u s-saħħa ġenerali tal-annimali fl-istabbiliment, u dan il-massimu ma għandux jaqbeż is-16-il siegħa kuljum, ħlief għall-għanijiet tar-riproduzzjoni;

(b) għandhom ikunu evitati bidliet f'salt fl-intensità tad-dawl waqt il-ħin tal-konverżjoni billi jintużaw bozoz li jistgħu jitbaxxew bil-mod il-mod jew dawl fl-isfond.

4.1.6.4. Għandha titħalla tingħata l-arja sabiex ikunu żgurati l-benessri u s-saħħa tal-annimali skont il-kundizzjoni li l-arjaturi mekkaniċi għandhom jitħaddmu preferibbilment b'sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

4.1.6.5. L-ossiġnu likwidu jista' jintuża biss għall-użi marbutin mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali u ma' perjodi kritiċi tal-produzzjoni jew tal-ġarr, fil-każijiet li ġejjin:

(a) f'każ li jkun hemm, b'mod eċċezzjonali, żieda fit-temperatura, tnaqqis fil-pressjoni tal-arja jew tniġġis bi żball;

(b) fil-każ ta' proċeduri ta' darba fil tal-ġestjoni tal-istokk bħat-teħid ta' kampjuni u l-għażla;

(c) sabiex tkun żgurata s-sopravivenza tal-istokk tal-istabbiliment.

4.1.6.6. It-trasportazzjoni tal-annimali tal-akkwakultura għandu b'mod attiv jinżamm għall-minimu kemm jista' jkun.

4.1.6.7. Kull tip ta' sofferenza, għandha tinżamm għal minimu matul il-ħajja sħiħa tal-annimal, inkluż fil-ħin ta' qatla.

4.1.6.8. It-tekniki tal-qatla għandhom jitilfu lill-ħut minn sensihom u jneħħulhom il-ħila li jħossu l-uġigħ mill-ewwel. It-tqandil tal-annimali qabel il-qatla għandu jsir b'mod li jevita li jweġġagħhom u kemm jista' jkun ma jikkawżalhomx stress u tbatija. Għandhom jitqiesu d-differenzi fid-daqs tal-qbid, fl-ispeċijiet, u fis-siti tal-produzzjoni meta jkunu qed jiġu kkunsidrati l-aqwa metodi għall-qatla.

4.2. Ir-regoli speċifiċi għall-molluski

4.2.1. Is-sorsi taż-żerriegħa

Rigward is-sorsi taż-żerriegħa, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) tista' tintuża żerriegħa ta' frott tal-baħar salvaġ minn barra l-kunfini tal-unità tal-produzzjoni fil-każ ta' molluski bivalvi, sakemm ma ssir ebda ħsara sinifikanti għall-ambjent, dan il-ġbir ta' żerriegħa jkun permess mil-liġijiet lokali, u ż-żerriegħa tkun ġejja minn:

(i) irqajja’ ta’ frott tal-baħar li wisq probabbli ma jifilħux għat-temp xitwi jew li jkunu żejda; jew

(ii) irqajja’ naturali ta’ żerriegħa tal-frott tal-baħar fit-tagħmir użat għall-ġbir;

(b) fil-każ tal-gajdra tat-tip *Crassostrea gigas*, għandha tingħata preferenza lil stokk li jkun tgħammar b’mod selettiv sabiex jitnaqqas il-bidien fl-ambjent naturali;

(c) għandhom jinżammu reġistri dwar meta, kif u minn fejn inġabret iż-żerriegħa salvaġġa biex tkun tista’ tiġi ttraċċata lura għaż-żona tal-ġbir.

4.2.2. Il-kundizzjoni taż-żoni tal-għajxien u l-prattiki tat-trobbija

Rigward il-kundizzjonijiet taż-żoni tal-għajxien u l-prattiki tat-trobbija għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) il-produzzjoni tista’ ssir fl-istess żona tal-ilma tat-tkabbir organiku tal-ħut tal-ġewnaħ u tal-alka f’sistema ta’ polikultura li għandha tiġi ddokumentata fil-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli. Il-molluski bivalvi jistgħu jitkabbru wkoll flimkien mal-molluski gasteropodi, bħall-brankutli, fil-polikultura;

(b) il-produzzjoni organika tal-molluski bivalvi għandha ssir f’żoni ddelimitati b’żubruni, kannizzati jew b’marki ċari oħrajn u għandha tkun ristretta, kif xieraq, bi xbieki, gaġeġ jew mezzi oħra magħmulin mill-bniedem;

(c) l-istabbilimenti organiċi tal-frott tal-baħar għandhom inaqqsu kemm jista’ jkun ir-riskju għal speċijiet li huma ta’ interess għall-konservazzjoni. Jekk jintużaw xbieki tal-predaturi, id-disinn tagħhom ma għandux jippermetti li ssir ħsara lill-għasafar li jogħdsu.

4.2.3. It-trobbija

Rigward it-trobbija għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) it-trobbija fuq il-ħbula tal-maskli u b’metodi oħrajn imniżżlin fil-punt 4.1.5.10 (h) tista’ tkun eliġibbli għall-produzzjoni organika;

(b) il-molluski jistgħu jitkabbru f’qiegħ il-baħar biss jekk dan ma jwassal għal ebda impatt ambjentali sinifikanti fis-siti tal-ġbir u tat-trobbija. L-evidenza li l-impatt ambjentali ta' din it-trobbija huwa minimu għandha tkun sostnuta bi stħarriġ u b’rapport dwar iż-żona sfruttata li għandhom jingħataw lill-korp jew lill-awtorità ta’ kontroll mill-operatur. Ir-rapport għandu jiżdied mal-pjan dwar il-ġestjoni sostenibbli bħala kapitolu separat.

4.2.4. Il-ġestjoni

Rigward il-ġestjoni għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) fil-produzzjoni għandha tintuża densità tal-istokk li ma tkunx iktar minn dik użata fir-reġjun għall-molluski mhux organiċi. L-aġġustamenti tal-għażla, tat-

tnaqqis u tad-densità tal-istokkijiet għandhom isiru skont il-bijomassa u biex jiżguraw it-trattament xieraq tal-annimali u l-kwalità tajba tal-prodotti;

(b) l-organiżmi bijoloġiċi li jikbru mat-tagħmir għandhom jitneħħew b'mezzi fiżiċi jew bl-idejn u, fejn xieraq, jerġgħu jintefgħu fil-baħar 'il bogħod mill-istabbilimenti tal-molluski. Matul iċ-ċiklu tal-produzzjoni, il-molluski jistgħu jiġu ttrattati darba b'soluzzjoni tal-ġir biex jiġu kkontrollati organiżmi li jikbru mat-tagħmir li jkunu qed jikkompetu magħhom.

4.2.5. Ir-regoli speċifiċi dwar it-trobbija tal-gajdri

Huwa permess it-tkabbir f'basktijiet fuq il-kavalletti. Dawn, jew strutturi oħrajn li fihom jinżammu l-gajdri, għandhom jitpoġġew b'tali mod li ma jiffurmawx barriera waħda sħiħa mal-kosta. L-istokk għandu jitqiegħed b'attenzjoni kbira fl-irqajja' skont il-flussi tal-marea biex il-produzzjoni tittejjeb kemm jista' jkun. Il-produzzjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fil-punt 4.1.5.10. (h).

Parti IV: Ir-regoli tal-produzzjoni ta' ikel u għalf ipproċessati

Minbarra r-regoli ġenerali tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7, 9 u 13, ir-regoli stabbiliti f'din il-Parti għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-ikel u l-għalf ipproċessati.

1. Ir-rekwiżiti ġenerali għall-produzzjoni tal-ikel u tal-għalf ipproċessati

1.1. L-addittivi mal-ikel u mal-għalf, l-għajnuniet għall-ipproċessar, u sustanzi u ingredjenti oħra użati għall-ipproċessar ta' ikel jew għalf, u kull prattika ta' pproċessar użata, bħall-iffumigazzjoni, għandhom jirrispettaw il-prinċipji ta' prattika tajba ta' manifattura[10].

1.2. L-operaturi li jipproduċu għalf jew ikel ipproċessat għandhom jistabbilixxu u jaġġornaw proċeduri addattati ibbażati fuq identifikazzjoni sistematika ta' stadji kritiċi tal-ipproċessar.

1.3. L-applikazzjoni tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1.2 għandha tiggarantixxi f'kull ħin li l-prodotti pproċessati ffabbrikati jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

1.4. L-operaturi għandhom jikkonformaw mal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1.2. u jimplimentawhom, u b'mod partikolari għandhom:

(a) jieħdu miżuri ta' prekawzjoni biex jevitaw ir-riskju ta' kontaminazzjoni minn sustanzi jew prodotti mhux awtorizzati;

(b) jimplimentaw miżuri addattati ta' tindif, jagħmlu monitoraġġ tal-effikaċja tagħhom u jirreġistraw dawn l-operazzjonijiet;

(c) jiggarantixxu li ma jitqiegħdux prodotti mhux organiċi fis-suq b'indikazzjoni li tirreferi għall-produzzjoni organika.

1.5. Il-preparazzjoni ta' ikel organiku pproċessat għandha tinżamm separata fiż-żmien u fil-post mill-prodotti li mhumiex organiċi. Meta jkunu ppreparati jew maħżuna prodotti li mhumiex organiċi fl-unità ta' preparazzjoni kkonċernata, l-operatur irid:

(a) jinforma lill-awtorità jew lill-korp tal-kontroll dwar dan;

[10] Il-prattika tajba tal-manifattura kif iddefinita fl-Artikolu 3(a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006 tat-22 ta' Diċembru 2006 dwar prassi tajba ta' manifattura għal materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel (ĠU L 384, 29.12.2006, p. 75)

(b) jwettaq l-operazzjonijiet b'mod kontinwu sakemm tkun ġiet ittrattata t-tiratura kollha, f'post jew fi żmien separat minn operazzjonijiet simili mwettqa fuq prodotti mhux organiċi;

(c) jaħżen il-prodotti organiċi, qabel u wara l-operazzjonijiet, f'post jew fi żmien separat minn prodotti mhux organiċi;

(d) iżomm reġistru aġġornat tal-operazzjonijiet kollha u tal-kwantitajiet ipproċessati;

(e) iwettaq il-miżuri meħtieġa biex jiżgura l-identifikazzjoni tal-lottijiet u biex jevita t-taħlit jew skambji ma' prodotti mhux organiċi;

(f) jwettaq l-operazzjonijiet fuq prodotti organiċi biss wara tindif addattat tat-tagħmir tal-produzzjoni.

1.6. Ma għandhomx jintużaw prodotti, sustanzi u tekniki li jirrikostitwixxu l-proprjetajiet li jintilfu fl-ipproċessar u fil-ħżin tal-ikel organiku, li jikkoreġu r-riżultati ta' negliġenza fl-ipproċessar tal-ikel organiku jew li b'xi mod jistgħu jqarrqu dwar in-natura vera ta' prodotti li huma maħsubin biex jiġu kkummerċjalizzati bħala organiċi.

2. Ir-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-ikel ipproċessat

2.1. Il-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kompożizzjoni ta' ikel organiku pproċessat:

(a) il-prodott għandu jiġi ffabrikat prinċipalment minn ingredjenti agrikoli; biex jiġi ddeterminat jekk prodott ikunx magħmul prinċipalment minn ingredjenti agrikoli ma għandhomx jitqiesu l-ilma u l-melħ miżjudin;

(b) jistgħu jintużaw biss l-addittivi tal-ikel, l-għajnuniet għall-ipproċessar, il-ħwawar, l-ilma, il-melħ, il-preparati ta' mikroorganiżmi u enżimi tal-ikel, il-minerali, il-mikroelementi, il-vitamini u l-aċidi amminiċi u mikronutrijenti oħrajn fl-oġġetti tal-ikel għall-użi nutrittivi partikolari li huma awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19;

(c) ingredjent organiku ma għandux ikun preżenti flimkien mal-istess ingredjent f'forma mhux organika jew ingredjent minn konverżjoni;

(d) ikel prodott minn għelejjel ta' waqt il-konverżjoni għandu jkun fih ingredjent tal-għelejjel wieħed biss ta' oriġini agrikola.

2.2. L-użu ta' ċerti prodotti u sustanzi fl-ipproċessar tal-ikel

2.2.1. Fl-ipproċessar tal-ikel għandhom jintużaw biss il-prodotti u s-sustanzi msemmija fil-punt 2.1(b) u dawk imsemmija fil-punti 2.2.2, 2.2.4. u 2.2.5., bl-eċċezzjoni ta' prodotti u sustanzi mis-settur tal-inbid, li għalihom għandu japplika l-punt 2 tal-Parti V, u tal-ħmira, li għaliha għandu japplika l-punt 1.3 tal-Parti VI.

2.2.2. Fl-ipproċessar tal-ikel, għandu jkun permess l-użu tal-prodotti u sustanzi li ġejjin:

(a) preparati ta' mikroorganiżi u enżimi tal-ikel normalment użati fl-ipproċessar tal-ikel; iżda l-enżimi tal-ikel li jkunu maħsubin biex jintużaw bħala addittivi tal-ikel iridu jkunu awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19;

(b) is-sustanzi u l-prodotti ddefiniti fl-Artikolu 3(2)(b) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11] li huma ttikkettati bħala sustanzi naturali tat-taħwir jew preparati naturali tat-taħwir, skont l-Artikoli 15(1)(e) u 16 ta' dak ir-Regolament;

(c) koloranti biex jiġu ttimbrati l-laħam u l-qxur tal-bajd skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12];

(d) ilma għax-xorb u melħ (bil-klorur tas-sodju jew bil-klorur tal-potassju bħala komponenti bażiċi) ġenerlament użati fl-ipproċessar tal-ikel;

(e) minerali (mikroelementi inklużi), vitamini, aċidi amminiċi u mikronutrijenti, awtorizzati biss sa fejn l-użu tagħhom huwa meħtieġ legalment fl-oġġetti tal-ikel li fihom ikunu inkorporati.

2.2.3. Għall-finijiet tal-kalkolu stipulat fl-Artikolu 21(3), għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(a) ċerti addittivi tal-ikel li huma awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19 għandhom jiġu kkalkulati bħall-ingredjenti agrikoli;

(b) il-preparati u s-sustanzi msemmijin fil-punt 2.2.2. ma għandhomx jiġu kkalkulati bħall-ingredjenti agrikoli;

(c) il-ħmira u l-prodotti tal-ħmira għandhom jiġu kkalkulati bħall-ingredjenti agrikoli.

2.2.4. L-ingredjenti agrikoli mhux organiċi li jidhru hawn taħt jistgħu jintużaw fl-ipproċessar tal-ikel organiku:

(a) prodotti minn annimali:

(i) organiżmi akkwatiċi, li ma joriġinawx mill-akkwakultura, u li huma permessi fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel mhux organiċi;

(ii) il-ġelatina;

(iii) imsaren (Casings);

(b) prodotti veġetali mhux ipproċessati kif ukoll prodotti dderivati minnhom permezz tal-ipproċessar ta':

(i) frott, lewż u żrieragħ għall-ikel:

– il-lewż tal-kola *Cola acuminata;*

(ii) ħwawar u ħxejjex aromatiċi għall-ikel:

– iż-żerriegħa tal-għerq mustarda *Armoracia rusticana;*

– il-fjuri tal-għosfor *Carthamus tinctorius*;

– il-krexxuni *Nasturtium officinale;*

(iii) mixxellanji:

11 Ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34).

12 Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

– l-alki, fosthom l-alka tal-baħar;

(c) prodotti ta' ħxejjex ipproċessati:

(i) iz-zokkrijiet, il-lamtijiet u prodotti oħrajn li ġejjin miċ-ċereali u mit-tuberi:

– il-karta tal-ostji;

– lamtu mir-ross u mill-qamħirrum tax-xama', mhux immodifikat kimikament;

(ii) mixxellanji:

– ir-rum, dak biss li hu miksub mill-meraq tal-kannamieli.

2.2.5. Ix-xaħmijiet u ż-żjut irfinuti jew le, iżda mhux immodifikati b'mod kimiku, jistgħu jintużaw f'forma mhux organika jekk jittieħdu minn pjanti li ma jkunux:

– il-kawkaw	*Theobroma cacao;*
– il-ġewż tal-Indi	*Cocos nucifera;*
– iż-żebbuġa	*Olea europaea;*
– il-ġirasol	*Helianthus annuus;*
– il-palma	*Elaeis guineensis;*
– il-kolza	*Brassica napus, rapa;*
– l-għosfor	*Carthamus tinctorius;*
– il-ġunġlien	*Sesamum indicum;*
– is-soja	*Glycine max.*

3. Ir-rekwiżiti għall-produzzjoni tal-għalf ipproċessat

3.1. Materjali tal-għalf organiku, jew materjali tal-għalf mill-produzzjoni f'konverżjoni, ma għandhomx jidħlu fil-kompożizzjoni ta' prodott tal-għalf organiku simultanjament mal-istess materjali tal-għalf prodotti b'mezzi mhux organiċi.

3.2. Kull materjal tal-għalf użat jew ipproċessat fil-produzzjoni organika ma għandux ikun ġie pproċessat bl-għajnuna ta' solventi sintetizzati kimikament.

Parti V: L-inbid

1. Il-kamp ta' applikazzjoni

1.1. Barra mir-regoli ġenerali tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7, 8, 9 u 14, ir-regoli stabbiliti f'din il-Parti għandhom japplikaw għall-produzzjoni organika tal-prodotti tas-settur tal-inbid kif imsemmi fil-punt (1) tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013.

1.2. Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009[13] u (KE) Nru 607/2009[14] għandhom japplikaw, sakemm ma jkunx hemm previst espliċitament mod ieħor f'din il-Parti.

[13] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 606/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tal-kategoriji tal-prodotti tad-dwieli, il-prattiċi enoloġiċi u r-restrizzjonijiet applikabbli (ĠU L 193, 24.7.2009, p. 1).

2. L-użu ta' ċerti prodotti u sustanzi

2.1. Il-prodotti tas-settur tal-inbid iridu jsiru minn materja prima organika.

2.2. Il-prodotti u s-sustanzi awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19 biss jistgħu jintużaw għall-fabbrikazzjoni ta' prodotti tas-settur tal-inbid, inkluż waqt il-proċessi u l-prattiki enoloġiċi, soġġett għall-kundizzjonijiet u r-restrizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-Regolament (KE) Nru 606/2009, u partikolarment fl-Anness IA ta' dak ir-Regolament.

3. Prattiki enoloġiċi u restrizzjonijiet

3.1. Mingħajr ħsara għat-Taqsimiet 1. u 2. u għall-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet speċifiċi previsti fil-punti 3.2 sa 3.5, il-prattiki, il-proċessi u t-trattamenti enoloġiċi biss, inklużi r-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 80 u 83(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikoli 3, 5 sa 9 u 11 sa 14 tar-Regolament (KE) Nru 606/2009 u fl-Annessi tagħhom, użati qabel l-1 ta' Awwissu 2010, għandhom ikunu permessi.

3.2. L-użu tal-prattiki, il-proċessi u t-trattamenti enoloġiċi li ġejjin huma projbiti:

(a) il-konċentrazzjoni parzjali permezz ta' tkessiħ skont il-punt (c) tat-Taqsima B.1 tal-Parti I tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013;

(b) l-eliminazzjoni tad-dijossidu tal-kubrit bi proċessi fiżiċi skont il-punt 8 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009;

(c) it-trattament bl-elettrodijaliżi biex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika tal-inbid skont il-punt 36 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009;

(d) id-dealkolizzazzjoni parzjali tal-inbid skont il-punt 40 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009;

(e) it-trattament bl-iskambjaturi tal-katjoni biex tiġi żgurata l-istabbilizzazzjoni tartarika tal-inbid skont il-punt 43 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009.

3.3. L-użu tal-prattiki, il-proċessi u t-trattamenti enoloġiċi li ġejjin huwa permess fil-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għal trattamenti bis-sħana skont il-punt 2 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009, it-temperatura ma għandhiex taqbeż is-70 °C;

(b) għaċ-ċentrifuġu u l-filtrazzjoni b'aġent filtranti inert jew mingħajru skont il-punt 3 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009, id-daqs tal-pori ma għandux ikun iżgħar minn 0,2 mikrometru.

3.4. L-użu tal-prattiki, il-proċessi u t-trattamenti enoloġiċi li ġejjin għandu jiġi analizzat mill-ġdid mill-Kummissjoni sal-1 ta' Awwissu 2015, bil-ħsieb li jinqatgħu progressivament jew li tiżdied ir-restrizzjoni tagħhom:

(a) it-trattamenti bis-sħana kif imsemmija fil-punt 2 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009;

---

14 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 tal-14 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid (ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60):

(b) l-użu ta' reżini ta' skambju joniku kif imsemmi fil-punt 20 tal-Anness IA tar-Regolament (KE) Nru 606/2009;

(c) l-ożmożi inversa skont il-punt (b) tat-Taqsima B.1 tal-Parti VIII tar-Regolament (KE) Nru 1308/2013.

3.5. Kull emenda mdaħħla wara l-1 ta’ Awwissu 2010, rigward il-prattiki, il-proċessi u t-trattamenti enoloġiċi previsti fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 jew ir-Regolament (KE) Nru 606/2009, tista’ tkun applikabbli għall-produzzjoni organika tal-inbid biss wara l-adozzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli tal-produzzjoni previsti f'din it-Taqsima 3 u, fejn meħtieġ, evalwazzjoni skont l-Artikolu 19 ta’ dan ir-Regolament.

Parti VI: Il-ħmira użata bħala ikel jew għalf

Minbarra r-regoli ġenerali tal-produzzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7, 9 u 15, ir-regoli stabbiliti f'din il-Parti għandhom japplikaw għall-produzzjoni tal-ħmira organika li tintuża bħala ikel jew għalf.

1. Rekwiżiti ġenerali

1.1. Għall-produzzjoni tal-ħmira organika għandhom jintużaw biss substrati organiċi prodotti b'mod organiku.

1.2. Il-ħmira organika ma għandhiex tkun preżenti fl-ikel jew fl-għalf organiku flimkien ma' ħmira mhux organika.

1.3. Is-sustanzi li jidhru hawn taħt jistgħu jintużaw fil-produzzjoni, fil-kunfezzjoni u fil-formulazzjoni tal-ħmira organika:

(a) għajnuniet għall-ipproċessar awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19;

(b) il-prodotti u s-sustanzi msemmijin fil-punt 2. 2.2. (a) u (d) tal-Parti IV.

ANNESS III

IL-ĠBIR, L-IMBALLAĠĠ, IT-TRASPORTAZZJONI U L-ĦAŻNA TAL-PRODOTTI

1. Il-ġbir tal-prodotti u t-trasportazzjoni lejn l-unitajiet ta' preparazzjoni

L-operaturi jistgħu jwettqu ġbir simultanju ta' prodotti organiċi u mhux organiċi, biss meta jkunu twettqu miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' kull taħlit jew skambju possibbli ma' prodotti mhux organiċi u biex tkun żgurata l-identifikazzjoni tal-prodotti organiċi. L-operatur għandu jżomm l-informazzjoni marbuta mal-jiem, is-sigħat u ċ-ċirkwit tal-ġbir, kif ukoll id-data u l-ħin li fihom ikunu waslu l-prodotti, disponibbli għall-awtorità jew għall-korp tal-kontrol.

2. L-imballaġġ u t-trasportazzjoni ta' prodotti lejn operaturi jew unitajiet oħra

2.1. L-operaturi għandhom jiżguraw li l-prodotti organiċi jkunu ttrasportati lejn operaturi jew unitajiet oħrajn, li jinkludu bejjiegħa bl-ingrossa u bejjiegħa bl-imnut, biss f'imballaġġ, kontenituri jew vetturi addattati u magħluqa b'tali mod li ma tkunx possibbli s-sostituzzjoni tal-kontenut mingħajr manipulazzjoni jew ħsara lis-siġill u b'tikketta li tkun tiddikjara, mingħajr ħsara għal kull indikazzjoni oħra meħtieġa bil-liġi tal-Unjoni:

(a) l-isem u l-indirizz tal-operatur u, meta dawn ikunu differenti, tas-sid jew tal-bejjiegħ tal-prodott;

(b) l-isem tal-prodott jew deskrizzjoni tal-prodott tal-għalf kompost b'referenza miegħu għall-metodu ta' produzzjoni organika;

(c) l-isem jew in-numru tal-kodiċi tal-awtorità jew tal-korp tal-kontroll li l-operatur huwa soġġett għalih; u

(d) meta rilevanti, il-marka tal-identifikazzjoni tal-lott skont sistema ta' mmarkar li tkun jew approvata f'livell nazzjonali jew miftiehma mal-awtorità jew mal-korp tal-kontroll u li tippermetti li ssir konnessjoni bejn il-lott u r-rekords imsemmija fl-Artikolu 24.

L-informazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (d) tista' wkoll tkun ippreżentata fuq dokument ta' akkumpanjament, jekk dan id-dokument jista' mingħajr ebda dubju jinvoka l-konnessjoni mal-ippakkjar, mal-kontenitur jew mat-trasportazzjoni bil-vettura, tal-prodott. Dan id-dokument ta' akkumpanjament għandu jinkludi informazzjoni dwar il-fornitur jew it-trasportatur.

2.2. Ma għandux ikun meħtieġ li l-imballaġġ, il-kontenituri jew il-vetturi jkunu magħluqa meta:

(a) it-trasportazzjoni tkun diretta bejn operatur u operatur ieħor li huma t-tnejn suġġetti għas-sistema tal-kontroll organiku;

(b) il-prodotti jkollhom magħhom dokument li jagħti l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt 2.1; u

(c) kemm l-operaturi li jibagħtu kif ukoll dawk li jirċievu għandhom iżommu rekords dokumentati ta' dawn l-operazzjonijiet ta' trasport disponibbli għall-awtorità jew il-korp tal-kontroll.

3. Regoli speċjali għat-trasportazzjoni tal-għalf lejn unitajiet oħrajn ta' produzzjoni jew ta' preparazzjoni jew lejn postijiet tal-ħżin

Meta l-għalf ikun qed jiġi ttrasportat lejn unitajiet oħrajn tal-produzzjoni jew tal-preparazzjoni jew lejn postijiet tal-ħżin, l-operaturi għandhom jiżguraw li jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) matul it-trasportazzjoni, l-għalf prodott b'mod organiku, l-għalf prodott waqt il-konverżjoni, u l-għalf mhux organiku għandhom ikunu effettivament separati fiżikament;

(b) il-vetturi jew il-kontejners li jkunu ttrasportaw prodotti mhux organiċi jistgħu jintużaw biex jittrasportaw il-prodotti organiċi jekk:

    (i) ikunu twettqu miżuri addattati ta' tindif, li l-effikaċja tagħhom tkun ġiet ivverifikata, qabel il-bidu tat-trasportazzjoni tal-prodotti organiċi u dawn l-operazzjonijiet ikunu ġew irreġistrati mill-operaturi;

    (ii) ikunu implimentati l-miżuri addattati kollha, skont ir-riskji evalwati bi qbil mal-arranġamenti tal-kontroll u, fejn jeħtieġ, l-operaturi għandhom jiggarantixxu li prodotti mhux organiċi ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq b'indikazzjoni li tkun tirreferi għal produzzjoni organika;

    (iii) l-operatur iżomm rekords dokumentati ta' dawn l-operazzjonijiet ta' trasportazzjoni għad-disponibbiltà tal-awtorità jew tal-korp tal-kontroll;

(c) it-trasportazzjoni ta' għalf organiku li jkun tlesta għandha ssir b'mod separat fiżikament jew fiż-żmien mit-trasportazzjoni ta' prodotti lesti oħrajn;

(d) matul it-trasportazzjoni, il-kwantità ta' prodotti fil-bidu u kull kwantità individwali kkonsenjata matul ir-ronda tal-konsenji għandhom ikunu rreġistrati.

4. Il-ġarr tal-ħut ħaj

4.1. Il-ħut ħaj għandu jinġarr f'tankijiet xierqa li jkun fihom ilma nadif li jissodisfa l-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom f'termini tat-temperatura u tal-ossiġnu maħlul.

4.2. Qabel ma jinġarru l-ħut u l-prodotti tal-ħut organiċi, it-tankijiet għandhom jitnaddfu, jkunu ddiżinfettati u jitlaħalħu sewwa.

4.3. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet sabiex jitnaqqas l-istress. Waqt il-ġarr, id-densità ma għandhiex tilħaq livell li jkun ta' ħsara għall-ispeċi.

4.4. Għandha tinżamm evidenza dokumentata tal-operazzjonijiet imsemmija fil-punti 4.1, 4.2 u 4.3.

5. Meta jaslu prodotti minn operaturi ta' unitajiet oħrajn

Meta l-operatur jirċievi prodott organiku, huwa għandu jivverifika l-għeluq tal-imballaġġ jew tal-kontenitur meta dan ikun meħtieġ, u l-preżenza tal-indikazzjonijiet previsti fit-Taqsima 2.

L-operatur għandu jagħmel kontroverifika tal-informazzjoni fuq it-tikketta msemmija fit-Taqsima 2 mal-informazzjoni fuq id-dokumenti ta' akkumpanjament. Ir-riżultat ta' dawn il-verifiki għandu jissemma espliċitament fir-rekords imsemmija fl-Artikolu 24.

6. Regoli speċjali għal meta jaslu prodotti minn pajjiż terz

Meta l-prodotti organiċi jiġu importati minn pajjiż terz, dawn għandhom jitwasslu f'imballaġġ jew f'kontenituri addattati, magħluqa b'tali mod li jevita s-sostituzzjoni tal-kontenut, u b'identifikazzjoni tal-esportatur u b'kull marka u numru oħrajn li jservu biex ikun identifikat il-lott, u biċ-ċertifikat ta' kontroll għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi kif xieraq.

Malli tirċievi prodott organiku importat minn pajjiż terz, il-persuna fiżika jew ġuridika li lilha ntbagħtet il-konsenja u li tirċeviha biex tkompli l-preparazzjoni tal-prodott jew biex tikkummerċjalizzah, għandha tivverifika li l-imballaġġ jew il-kontenitur kienu magħluqin, u fil-każ ta' prodotti importati skont l-Artikolu 28(1)(b)(ii), għandha tivverifika li ċ-ċertifikat tal-ispezzjoni msemmi f'dak l-Artikolu jkopri t-tip ta' prodott li hemm fil-konsenja. Ir-riżultat ta’ din il-verifika għandu jkun espliċitament imsemmi fir-rekords imsemmija fl-Artikolu 24.

7. Il-ħżin tal-prodotti

7.1. Għall-ħżin tal-prodotti, iż-żoni għandhom ikunu ġestiti b'tali mod li tkun żgurata l-identifikazzjoni tal-lottijiet u jkun evitat kull taħlit ma' prodotti jew sustanzi li ma jkunux jikkonformaw mar-regoli tal-produzzjoni organika u kull kontaminazzjoni minnhom. Il-prodotti organiċi għandhom ikunu identifikabbli b'mod ċar f'kull ħin.

7.2. Fil-każ ta' unitajiet ta' produzzjoni ta' pjanti u ta' bhejjem organiċi, il-ħażna ta' prodotti li jidħlu, minbarra dawk awtorizzati għall-użu fil-produzzjoni organika skont l-Artikolu 19, hija pprojbita fl-unità tal-produzzjoni.

7.3. Il-ħżin ta' prodotti mediċinali veterinarji allopatiċi u ta' antibijotiċi hija permessa fl-azjendi agrikoli u tal-akkwakultura sakemm ikunu ġew preskritti minn veterinarju b'konnessjoni mat-trattament imsemmi fil-punti 1.5.2.2 tal-Parti II u 4.1.4.2(a), tal-Parti III tal-Anness II, u li jinħażnu f'post issorveljat u jitniżżlu fir-reġistru tal-bhejjem kif imsemmi fl-Artikolu 24.

7.4. F'każ fejn l-operaturi jittrattaw kemm prodotti mhux organiċi kif ukoll prodotti organiċi u dawn tal-aħħar jinħażnu f'faċilitajiet tal-ħżin fejn ikun hemm maħżuna wkoll prodotti agrikoli jew oġġetti tal-ikel:

(a) il-prodotti organiċi għandhom jinżammu separati mill-prodotti agrikoli l-oħrajn u mill-oġġetti tal-ikel;

(b) għandha tittieħed kull miżura biex tkun żgurata l-identifikazzjoni tal-konsenji u biex ikunu evitati t-taħlit jew l-iskambji ma' prodotti mhux organiċi;

(c) qabel il-ħżin ta' prodotti organiċi, ikunu twettqu miżuri xierqa ta' tindif li l-effikaċja tagħhom tkun ġiet ivverifikata, u l-operaturi għandhom jirreġistraw dawn l-operazzjonijiet.

ANNESS IV

TERMINI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 21

BG: биологичен.

ES: ecológico, biológico.

CS: ekologické, biologické.

DA: økologisk.

DE: ökologisch, biologisch.

ET: mahe, ökoloogiline.

EL: βιολογικό.

EN: organic.

FR: biologique.

GA: orgánach.

HR: ekološki.

IT: biologico.

LV: bioloģisks, ekoloģisks.

LT: ekologiškas.

LU: biologësch.

HU: ökológiai.

MT: organiku.

NL: biologisch.

PL: ekologiczne.

PT: biológico.

RO: ecologic.

SK: ekologické, biologické.

SL: ekološki.

FI: luonnonmukainen.

SV: ekologisk.

ANNESS V

IL-LOGO U N-NUMRI TAL-KODIĊI TAL-PRODUZZJONI ORGANIKA TAL-UNJONI EWROPEA

1. Il-logo

1.1. Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea għandu jikkonforma mal-mudell ta' hawn taħt:

Għandu jiddaħħal il-LOGO

1.2. Il-kulur ta' referenza fil-Pantone huwa Pantone Aħdar bin-numru 376 u Aħdar (50 % Cyan + 100 % Isfar), meta jintuża proċess ta' erba' kuluri.

1.3. Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jista' jintuża wkoll bl-abjad u l-iswed kif muri, iżda biss fejn ma jkunx prattikabbli li jsir bil-kulur:

Għandu jiddaħħal il-LOGO

1.4. Jekk il-kulur tal-isfond tal-imballaġġ jew tat-tikketta jkun skur, is-simboli jistgħu jintużaw fil-format negattiv, billi jintuża l-kulur tal-isfond tal-imballaġġ jew tat-tikketta.

1.5. Jekk simbolu jintuża bil-kulur fuq sfond bil-kulur, li jagħmlu diffiċli biex jintgħaraf, għandu jintuża ċirku estern ta' delinjazzjoni madwar is-simbolu biex jittejjeb il-kuntrast mal-kuluri tal-isfond.

1.6. F'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi fejn ikun hemm indikazzjonijiet b'kulur wieħed fuq l-imballaġġ, il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jista' jintuża bl-istess kulur.

1.7. Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jrid ikun ta' tul ta' mill-inqas 9 mm u ta' wisa' ta' mill-inqas 13,5 mm; il-proporzjon bejn it-tul u l-wisa' dejjem għandu jkun 1:1,5. F'każijiet eċċezzjonali d-daqs minimu jista' jitnaqqas għal tul ta' 6 mm għal imballaġġi żgħar ħafna.

1.8. Il-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jista' jkun assoċjat ma' elementi grafiċi jew testwali li jirreferu għall-produzzjoni organika, bil-kundizzjoni li dawn ma jimmodifikawx jew ibiddlu l-karattru tal-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea, u lanqas ta' ebda waħda mill-indikazzjonijiet iddefiniti skont l-Artikolu 22. Meta l-logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jkun assoċjat ma' logos nazzjonali jew privati li jużaw kulur aħdar differenti mill-kulur ta' referenza msemmi fil-punt 2, jista' jintuża dak il-kulur li mhuwiex ta' referenza fil-logo.

2. In-numri tal-kodiċi

Il-format ġenerali tan-numri tal-kodiċi huwa kif ġej:

AB-CDE-999

Fejn:

(a) "AB" huwa l-kodiċi tal-ISO għall-pajjiż fejn ikunu qegħdin jitwettqu l-kontrolli;

(b) "CDE" huwa terminu, indikat bi tliet ittri, bħal "bio" jew "öko" jew "org" jew "eko" li jistabbilixxu konnessjoni mal-produzzjoni organika, li jew tiddeċiedi dwarhom il-Kummissjoni, jew kull Stat Membru; u

(c) "999" huwa n-numru ta' referenza indikat b'massimu ta' tliet ċifri, li se jiġi assenjat minn:

(i) l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru lill-awtoritajiet jew lill-korpi tal-kontroll li lilhom ikunu ddelegaw kompiti ta' kontroll;

(ii) mill-Kummissjoni:

– lill-awtoritajiet u l-korpi tal-kontroll rikonoxxuti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 29;

– lill-awtoritajiet u l-korpi tal-kontroll ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 31.